PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2011/2069(INI)**

20.8.2012

# EMENDI 1 - 200

**Abbozz ta' rapport**
**Monika Flašíková Beňová**
(PE489.625v01-00)

Dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2010 - 2011)
(2011/2069(INI))

AM_Com_NonLegReport

**Emenda 1**
**Antigoni Papadopoulou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà,*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Antigoni Papadopoulou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1949 dwar is-Soppressjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin u l-Isfruttament tal-Prostituzzjoni tal-Oħrajn,*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Valdemar Tomaševski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 5 a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,*** |

Or. pl

**Emenda 4**
**Valdemar Tomaševski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 5 b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Minoranzi Nazzjonali,*** |

Or. pl

**Emenda 5**
**Valdemar Tomaševski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 5 c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Karta Ewropea dwar l-Ilsna Reġjonali jew ta' Minoranza,*** |

Or. pl

**Emenda 6**
**Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma sal-2020 (COM(2011)173) u dwar Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma: wieħed mill-ewwel passi fl-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE (COM(2012) 226 finali),*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2011,*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Lívia Járóka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 6c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-istrateġija tal-UE dwar l-inklużjoni tar-Roma [1],*** |
| | ***[1] P7_TA(2011)0092*** |

Or. en

**Emenda 9**
**Anna Hedh, Britta Thomsen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1949 dwar is-Soppressjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin u l-Isfruttament*** |

***tal-Prostituzzjoni tal-Oħrajn,***

Or. en

**Emenda 10**
**Alexander Mirsky**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar il-Parteċipazzjoni tal-Barranin fil-Ħajja Pubblika fil-Livell Lokali,*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Anna Hedh, Britta Thomsen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 8b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà,*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Alexander Mirsky**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 8b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Artikolu 79(4) tat-*** |

***Trattat ta' Lisbona,***

Or. en

**Emenda 13**
**Alexander Mirsky**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 8c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2004 dwar ir-rapport ta' monitoraġġ komprensiv tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istat ta' tħejjija għal sħubija fl-UE,*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Alexander Mirsky**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 8d (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' April 2009 [1] dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena 2008,*** <br> ***[1] P6_TA(2009)0239*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Alexander Mirsky**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 8e (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kumitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza u l-Assemblea Parlamentari tal-OSKE,*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Wara li kkunsidra l-korp tal-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet *umani* ***li*** *jgħamlu* parti minnhom l-Istati Membri ***kollha***, u l-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll id-deċiżjonijiet, gwida u ġudizzji ta' korpi speċjalizzati ta' monitoraġġ u ġudizzjarji, | – Wara li kkunsidra l-korp tal-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet *tal-bniedem* ***li*** *jagħmlu* parti minnhom l-Istati Membri, u l-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll id-deċiżjonijiet, gwida u ġudizzji ta' korpi speċjalizzati ta' monitoraġġ u ġudizzjarji, |

Or. en

**Emenda 17**
**Konrad Szymański, Janusz Wojciechowski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– Wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-qrati kostituzzjonali nazzjonali, li jirreferu għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali bħala terminu ta' riferenza għall-interpretazzjoni tal-liġi nazzjonali wkoll,*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 18**
**Mitro Repo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 15 a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżultati tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru 340 dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,*** |

Or. fi

**Emenda 19**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-istudji mitluba mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,*** |

Or. en

**Emenda 20**
**Edit Bauer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-ħarsien tal-minoranzi u politiki kontra d-diskriminazzjoni f'Ewropa akbar tat-8 ta' Ġunju 2005[1],*** |
| | ***[1] P6_TA(2005)0228*** |

Or. en

**Emenda 21**
**Edit Bauer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità,*** |

Or. en

**Emenda 22**
**Ioan Enciu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 18 a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-istrateġiji tal-integrazzjoni nazzjonali tar-Roma ppreżentati mill-Istati Membri u l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni li tikkonċerna l-evalwazzjoni tal-istrateġiji*** |

***nazzjonali (COM(2012) 226 finali),***

Or. ro

**Emenda 23**
**Valdemar Tomaševski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jibbaża l-Unjoni fuq komunità ta' valuri indiviżibbli u universali ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall-persuni kollha li jgħixu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, inklużi dawk li jagħmlu parti minn minoranzi, | A. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jibbaża l-Unjoni fuq komunità ta' valuri indiviżibbli u universali ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall-persuni kollha li jgħixu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, inklużi dawk li jagħmlu parti minn minoranzi, ***li jinkludu minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi,*** |

Or. pl

**Emenda 24**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jibbaża l-Unjoni fuq komunità ta' valuri indiviżibbli u universali ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, ***is-solidarjetà,*** l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem***, għall-persuni kollha li jgħixu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea,*** inklużi ***dawk*** li jagħmlu | A. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jibbaża l-Unjoni fuq komunità ta' valuri indiviżibbli u universali ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem inklużi ***d-drittijiet ta' persuni*** li jagħmlu parti minn minoranzi***; dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jiġu*** |

| | |
|---|---|
| parti minn minoranzi, | ***aċċettati l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;*** |

Or. en

**Emenda 25**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jibbaża l-Unjoni fuq komunità ta' valuri indiviżibbli u universali ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, *l-ugwaljanza*, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall-persuni kollha li jgħixu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, ***inklużi*** dawk li jagħmlu parti minn minoranzi, | A. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jibbaża l-Unjoni fuq komunità ta' valuri indiviżibbli u universali ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, *l-ugwaljanza*, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall-persuni kollha li jgħixu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, ***b'mod partikolari*** dawk li jagħmlu parti minn minoranzi, |

Or. fr

**Emenda 26**
**Mitro Repo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jibbaża l-Unjoni fuq komunità ta' valuri indiviżibbli u universali ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall- | A. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jibbaża l-Unjoni fuq komunità ta' valuri indiviżibbli u universali ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall- |

persuni kollha li jgħixu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, inklużi dawk li jagħmlu parti minn minoranzi,

persuni kollha li jgħixu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, inklużi dawk li jagħmlu parti minn minoranzi, ***persuni mingħajr stat u dawk li huma temporanjament jew illegalment fit-territorju tal-Unjoni Ewropea;***

Or. fi

**Emenda 27**
**Mariya Gabriel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jibbaża l-Unjoni fuq komunità ta' valuri indiviżibbli u universali ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, *l-ugwaljanza*, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall-persuni kollha li jgħixu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, inklużi dawk li jagħmlu parti minn minoranzi; | A. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jibbaża l-Unjoni fuq komunità ta' valuri indiviżibbli u universali ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, *l-ugwaljanza* ***bejn is-sessi***, ***in-nondiskriminazzjoni,*** is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem ***u l-libertajiet ċivili***, għall-persuni kollha li jgħixu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, inklużi dawk li jagħmlu parti minn minoranzi; |

Or. fr

**Emenda 28**
**Monika Flašíková Beňová, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi r-rispett u l-promozzjoni ta' dawn il-valuri huwa element essenzjali tal-identità tal-Unjoni Ewropea u kundizzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***biex issir membru tal-UE u biex tippreserva bis-sħiħ il-prerogattivi tal-membri;*** |

Or. en

**Emenda 29**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi r-rispett u l-promozzjoni ta' dawn il-valuri huwa element essenzjali tal-identità tal-Unjoni Ewropea u kundizzjoni biex issir membru tal-UE u biex tippreserva bis-sħiħ il-prerogattivi tal-membri;*** |

Or. en

**Emenda 30**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-Artikolu 6(3) tat-TUE jiddikjara li d-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u kif jirriżultaw ***mit-tradizzjonijiet*** kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, jikkostitwixxu l-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni***,*** | B. billi l-Artikolu 6(3) tat-TUE jiddikjara li d-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u kif jirriżultaw ***mir-regoli*** kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, jikkostitwixxu l-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni***;*** |

Or. fr

**Emenda 31**
**Monika Flašíková Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. Billi, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Karta ***saret legalment*** *vonkolanti* fuq l-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE, kif ukoll l-Istati Membri meta tiġi implimentata l-liġi tal-UE***,*** | C. Billi, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Karta ***għandha l-istess valur bħat-Trattati ta' twaqqif u hija*** *vinkolanti* fuq l-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE, kif ukoll l-Istati Membri meta tiġi implimentata l-liġi tal-UE ***kif deskritt fl-ispjegazzjoni tal-Artikolu 51 tal-Karta skont liema "(...) joħroġ b'mod ċar mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-obbligu tar-rispett għad-drittijiet fundamentali definit f'kuntest tal-Unjoni jorbot biss lill-Istati Membri meta dawn jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni .." [1];*** |
| | ***[1] Sentenza tat-13 ta' Lulju 1989, Kawża 5/88 Wachauf [1989] Ġabra 2609; sentenza tat-18 ta' Ġunju 1991, Kawża C-260/89 ERT [1991] Ġabra 1-2925; sentenza tat-18 ta' Diċembru 1997, Kawża C-309/96 Annibaldi [1997] Ġabra 1-7493*** |

Or. en

**Emenda 32**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. Billi, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' | C. billi, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' |

| | |
|---|---|
| Lisbona, il-Karta saret legalment *vonkolanti* fuq l-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE, kif ukoll l-Istati Membri meta tiġi implimentata l-liġi tal-UE***,*** | Lisbona, il-Karta ***biddlet il-valuri u l-prinċipji fi drittijiet konkreti u li jistgħu jkunu infurzati u billi din għandha l-istess valur bħat-Trattat ta' Lisbona din*** saret legalment *vinkolanti* fuq l-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE, kif ukoll l-Istati Membri meta tiġi implimentata l-liġi tal-UE***;*** |

Or. fr

**Emenda 33**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi d-dħul tal-UE għall-KEDB, kif mitlub mit-TUE, se jippermetti li l-atti tal-UE jkunu suġġetti għal reviżjoni mill-QEDB, li joħloq responsabbiltà akbar għall-UE u jtejjeb l-aċċess għall-ġustizzja għall-individwi;*** |

Or. en

**Emenda 34**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi għandha tkun żviluppata, tiġi promossa u msaħħa kultura reali tad-drittijiet fundamentali fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni imma wkoll fl-Istati Membri, b'mod partikolari meta dawn japplikaw u jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni kemm internament u kemm fir-relazzjonijiet*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***tagħhom ma' pajjiżi terzi;*** |

Or. fr

**Emenda 35**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***Ca. billi l-approċċ frammentarju sa issa tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem wassal għal sejħiet għal politika koerenti tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE; billi attwalment ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu li jġib flimkien id-diversi atturi tad-drittijiet fundamentali fi ħdan l-istruttura tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 36**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***Cb. billi s-salvagwardja effettiva u l-promozzjoni tad-drittijiet għandhom jikkostitwixxu objettiv ġenerali tal-politiki kollha tal-UE, inkluża d-dimensjoni esterna tagħhom u billi l-osservazzjoni tad-dmir li tipproteġi, tippromwovi u tissodisfa ma teħtieġx kompetenzi ġodda għall-UE iżda pjuttost impenn istituzzjonali proattiv rigward id-drittijiet tal-bniedem;*** |

Or. en

**Emenda 37**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cb. billi l-implimentazzjoni ta' dawn il-valuri u l-prinċipji għandha tistrieħ ukoll fuq kontroll effettiv tar-rispett tad-drittijiet fundamentali garantiti fil-Karta, inkluż mill-iżvilupp ta' proposti leġiżlattivi; billi kunsiderazzjonijiet oħra m'għandhomx jiġu qabel ir-rispett u l-garanzija ta' dawn id-drittijiet fundamentali, bir-riskju li jkunu skreditati r-rwol u d-dehra tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi;*** |

Or. fr

**Emenda 38**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cb. billi ċ-ċittadini jistgħu jgawdu d-drittijiet tagħhom bis-sħiħ biss jekk il-valuri u l-prinċipji fundamentali, bħall-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura, il-libertà tal-midja u n-nondiskriminazzjoni jiġu rispettati;*** |

Or. en

**Emenda 39**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cc. billi l-approċċ frammentarju sa issa tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem wassal għal sejħiet għal politika koerenti tal-UE tad-drittijiet tal-bniedem; billi attwalment ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu li jġib flimkien id-diversi atturi tad-drittijiet fundamentali fi ħdan l-istruttura tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 40**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cc. billi d-differenza bejn id-drittijiet fundamentali u l-implimentazzjoni tagħhom iddgħajjef il-kredibilità tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri tagħha u r-rispett effettiv u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, fit-territorju tagħha u madwar id-dinja;*** |

Or. en

**Emenda 41**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cd (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cd. billi ċ-ċittadini jistgħu jgawdu d-drittijiet tagħhom bis-sħiħ biss jekk il-valuri u l-prinċipji fundamentali, bħall-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura, il-libertà tal-midja u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni huma rispettati;*** |

Or. en

**Emenda 42**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ce (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ce. billi d-differenza bejn id-drittijiet fundamentali u l-implimentazzjoni tagħhom iddgħajjef il-kredibilità tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri tagħha u r-rispett effettiv u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, fit-territorju tagħha u madwar id-dinja;*** |

Or. en

**Emenda 43**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. Billi l-obbligi li jaqgħu fuq il-pajjiżi kandidati taħt il-kriterji ta' Kopenhagen *ikompli* japplikaw għall-Istati Membri wara li jingħaqdu mal-UE bis-saħħa *ta' Artiklu* 2 | D. Billi l-obbligi li jaqgħu fuq il-pajjiżi kandidati taħt il-kriterji ta' Kopenhagen *ikomplu* japplikaw għall-Istati Membri wara li jingħaqdu mal-UE bis-saħħa *tal-* |

| | |
|---|---|
| tat-TUE, u billi fid-dawl ta*'* dan l-Istati Membri kollha għandhom jiġu vvalutati fuq bażi kontinwa sabiex tiġi vverifikata l-konformità kontinwa *tagħhom'*mal-valuri fundamentali tal-UE ta' ***rispett għad-drittijiet fundamentali, istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat*** tad-dritt, | *Artikolu* 2 tat-TUE, u billi fid-dawl ta*'* dan l-Istati Membri kollha għandhom jiġu vvalutati fuq bażi kontinwa sabiex tiġi vverifikata l-konformità kontinwa *tagħhom* mal-valuri fundamentali tal-UE ta' ***demokrazija u stat*** tad-dritt, ***u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-ħarsien tal-minoranzi;*** |

Or. en

**Emenda 44**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Premessa Da (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi flimkien mal-Artikolu 2 tat-TUE, l-Artikolu 7 tat-TUE jagħti lill-istituzzjonijiet tal-UE s-setgħa li jivvalutaw id-drittijiet tal-bniedem fl-Istati Membri, li jimpenjaw ruħhom b'mod politiku mal-pajjiżi kkonċernati biex jipprevjenu u jirrimedjaw ksur;*** |

Or. en

**Emenda 45**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Da (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi flimkien mal-Artikolu 2 tat-TUE, l-Artikolu 7 tat-TUE jagħti l-istituzzjonijiet tal-UE s-setgħa li jivvalutaw jekk hemmx ksur tal-valuri komuni bħar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt*** |

***fl-Istati Membri, li jimpenjaw ruħhom b'mod politiku mal-pajjiżi kkonċernati biex jipprevjenu u jirrimedjaw ksur;***

Or. en

**Emenda 46**
**Mitro Repo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi l-istħarriġ tal-Ewrobarometru li sar fl-2012 dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea sab li minoranza żgħira biss ta' ċittadini tal-UE kienu jafu x'inhi l-Karta u meta hi applikata u li madwar żewġ terzi kienu interessati li jsiru jafu iktar;*** |

Or. fi

**Emenda 47**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Da (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi skont ċerti NGOs aktar minn 15 000 immigrant li ppruvaw jaslu fil-kontinent Ewropew mietu fil-baħar sa mill-1988, aktar minn 1 500 immigrant għerqu fil-baħar fis-sena 2011 biss; billi b'mod partikolari wieħed iqis il-wasla ta' dgħajsa li kellha abbord 72 immigrant Afrikan li telqu mil-Libja f'Marzu 2011, li minnhom mietu 63 persuna; billi r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa bid-data tal-24 ta' April 2012 li nnutat ċerti*** |

| | |
|---|---|
| | ***nuqqasijiet f'livelli differenti u ta' natura differenti, kemm min-naħa tal-Istati Membri tal-Unjoni u kemm min-naħa tan-NATO, u li pproponiet diversi rakkomandazzjonijiet li l-Unjoni u l-Istati Membri, kif ukoll in-NATO, għandhom jimplimentaw permezz ta' mezzi xierqa differenti fl-iqsar żmien possibbli;*** |

Or. fr

**Emenda 48**
**Alexander Mirsky**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Da (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi, Stati Membri tal-UE bħall-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit jippermettu lil dawk li mhumiex ċittadini, residenti f'pajjiż partikolari għal ċertu numru ta' snin, biex jivvutaw fl-elezzjonijiet lokali;*** |

Or. en

**Emenda 49**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Db (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Db. billi l-protezzjoni effettiva u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jitolbu li l-Istati Membri jaċċettaw, fi*** |

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***spirtu ta' solidarjetà u ta' kooperazzjoni sinċiera mal-Istati Membri l-oħra, l-iskrutinju tal-UE tar-rispett lejn il-valuri tal-UE fil-politiki u l-prattiki tal-leġiżlazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 50**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Db (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Db. billi l-protezzjoni effettiva u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jitolbu li l-Istati Membri jaċċettaw, fi spirtu ta' solidarjetà u ta' kooperazzjoni sinċiera mal-Istati Membri l-oħra, l-iskrutinju tal-UE tar-rispett lejn il-valuri tal-UE fil-politiki u l-prattiki tal-leġiżlazzjoni,*** |

Or. en

**Emenda 51**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Db (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Db. billi l-istudju konġunt tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), tal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) u tal-Bank Internazzjonali dwar is-sitwazzjoni tar-Roma li sar f'Mejju tal-2012 jikkonferma li d-diskriminazzjonijiet jolqtu lir-Roma fl-Ewropa kollha, u li s-*** |

***sitwazzjoni tagħhom hija agħar minn dik ta' dawk kollha li mhumiex tar-Roma u li jinstabu f'sitwazzjoni simili; billi l-miżuri diskriminatorji u ż-żieda fil-vjolenza fl-Istati Membri tal-Unjoni qegħdin joriġinaw minn sentimenti moħbija kontra r-Roma u huma mħeġġa permezz ta' diskors pubbliku kontra r-Roma minn ċerti politiċi responsabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni;***

Or. fr

**Emenda 52**
**Edit Bauer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Db (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Db. billi hemm differenza bejn il-ħarsien tal-minoranzi nazzjonali u l-politika kontra d-diskriminazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 53**
**Alexander Mirsky**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Db (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Db. billi fir-Repubblika Latvjana teżisti ċerta kategorija ta' persuni mingħajr stat li jammontaw għal 15 % tal-popolazzjoni kollha u li jgħixu hemm għal aktar minn 20 sena u li huma mċaħħda mid-dritt li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet lokali filwaqt li huma obbligati li jħallsu t-taxxi;*** |

Or. en

**Emenda 54**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Dc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dc. billi l-kriżi ekonomika attwali tikkontesta l-prinċipju ta' solidarjetà, li huwa komponent essenzjali tal-istorja u l-identità tal-UE, kif ukoll ir-rabta sottostanti li tgħaqqad flimkien iċ-ċittadini tal-UE bħala membri tal-istess komunità politika [1];*** |
| | ***[1] ara notevolment l-Artikoli tal-Karta dwar id-drittijiet soċjali kif ukoll l-Artikoli rilevanti speċifiċi tat-Trattati dwar is-solidarjetà: Artikoli 80 u 122 tat-TFEU.*** |

Or. en

**Emenda 55**
**Alexander Mirsky**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Dc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dc. billi l-Kumitat tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kumitat tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza u l-Assemblea*** |

***Parlamentari tal-OSKE rrakkomandaw li jsir possibbli li dawk li mhumiex ċittadini jipparteċipaw fl-elezzjonijiet lokali;***

Or. en

**Emenda 56**
**Alexander Mirsky**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Dd (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dd. billi, fir-riżoluzzjoni dwar ir-rapport ta' monitoraġġ komprensiv tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-istat ta' tħejjija għall-isħubija fl-UE tal-11 ta' Marzu 2004, il-Parlament Ewropew ippropona li l-awtoritajiet Latvjani jipprevedu l-possibilità li jippermettu lil dawk li mhumiex ċittadini li huma residenti fit-tul biex jieħdu sehem fl-elezzjonijiet tal-awtonomija lokali;*** |

Or. en

**Emenda 57**
**Alexander Mirsky**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa De (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***De. billi, fir-riżoluzzjoni dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena 2008 tat-22 ta' April 2009 il-Parlament Ewropew ħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tissorvelja mill-qrib u tinkoraġġixxi r-regolarizzazzjoni tal-istatus ta' dawk li mhumiex ċittadini fil-Latvja,*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Renate Weber, Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Rakkomandazzjonijiet ġenerali | Rakkomandazzjonijiet ġenerali |
| | ***-1. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jerfgħu r-responsabbiltajiet tagħhom bis-sħiħ rigward l-applikazzjoni xierqa u sħiħa tal-mandat u l-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, kemm fuq il-bażi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll tal-Artikoli tat-Trattati li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet fundamentali u kwistjonijiet tad-drittijiet taċ-ċittadini, u notevolment l-Artikoli 2, 6, 7 tat-TUE; jemmen li dan huwa l-uniku mod biex jiġi żgurat li l-UE tattrezza ruħha - kif għamlet f'oqsma oħrajn ta' interess komuni u importanza, bħal kwistjonijiet ekonomiċi u baġitarji - biex tittratta kriżijiet u tensjonijiet demokratiċi, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali li qed jaffettwaw lill-UE u l-Istati Membri tagħha; jitlob għat-tisħiħ urġenti tal-mekkaniżmi Ewropej sabiex jiġi żgurat li d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati fl-UE;*** |

Or. en

**Emenda 59**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Filwaqt li jilqa' l-passi mill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposti leġiżlattivi huma konformi mal-Karta, jinnota li jibqa' lok konsiderevoli għal titjib, hekk kif ikomplu *jfiggu* proposti li jonqsu milli jikkunsidraw jew jikkunsidraw b'mod adegwat, l-impatt tal-miżuri proposti dwar id-drittijiet fundamentali; Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu passi konkreti lejn it-titjib tal-verifika tal-proposti tagħha mal-Karta; | 1. Filwaqt li jilqa' l-passi mill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposti leġiżlattivi huma konformi mal-Karta, jinnota li jibqa' lok konsiderevoli għal titjib, hekk kif ikomplu *jfiġġu* proposti li jonqsu milli jikkunsidraw jew jikkunsidraw b'mod adegwat, l-impatt tal-miżuri proposti dwar id-drittijiet fundamentali; Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu passi konkreti lejn it-titjib tal-verifika tal-proposti tagħha mal-Karta***, inkluż l-iżgurar tal-kompetenza adegwata fis-servizz legali tal-Kummissjoni, responsabbli għall-verifika tal-konformità tal-proposti mal-Karta***; |

Or. en

**Emenda 60**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Filwaqt li jilqa' l-passi mill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposti leġiżlattivi huma konformi mal-Karta, jinnota li jibqa' lok ***konsiderevoli*** għal titjib, hekk kif ikomplu *jfiggu* proposti li jonqsu milli jikkunsidraw jew jikkunsidraw b'mod adegwat, l-impatt tal-miżuri proposti dwar id-drittijiet fundamentali; ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni tieħu passi konkreti lejn it-titjib tal-verifika tal-proposti tagħha mal-Karta; | 1. Filwaqt li jilqa' l-passi mill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposti leġiżlattivi ***tagħha*** huma konformi mal-Karta, jinnota li jibqa' lok għal titjib, hekk kif ikomplu *jfiġġu* proposti li jonqsu milli jikkunsidraw jew jikkunsidraw b'mod adegwat, l-impatt tal-miżuri proposti dwar id-drittijiet fundamentali; ***Jistieden*** lill-Kummissjoni tieħu passi konkreti lejn it-titjib tal-verifika tal-proposti tagħha mal-Karta; |

Or. en

**Emenda 61**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iħeġġeġ *il-Kummissjoni* tiżgura li *l-impaatt* tad-drittijiet fundamentali tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri jiffurmaw sistematikament parti mir-rapporti ta' vvalutar tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, kif ukoll ir-rapport annwali *tagħha* dwar il-monitoraġġ tal-applikar tal-liġi tal-UE; | 2. Iħeġġeġ *lill-Kummissjoni* tiżgura li ***l-****impatt* tad-drittijiet fundamentali tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri jiffurmaw sistematikament parti mir-rapporti ta' vvalutar tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, kif ukoll ir-rapport annwali *tagħha* dwar il-monitoraġġ tal-applikar tal-liġi tal-UE; ***Jiddispjaċih li l-Kummissjoni għad għandha viżjoni wisq restrittiva f'dan il-qasam u li din tqis li r-rispett tal-valuri u tal-prinċipji tal-Karta japplika biss meta l-Istati Membri jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni u li "ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni jew ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni[1]";*** |

***[1] Ara l-Artikolu 51(2) tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali.***

Or. fr

**Emenda 62**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iħeġġeġ *il-Kummissjoni* tiżgura li *l-impaatt* tad-drittijiet fundamentali tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri jiffurmaw | 2. Iħeġġeġ *lill-Kummissjoni* tiżgura li *l-impatt* tad-drittijiet fundamentali tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri jiffurmaw |

sistematikament parti mir-rapporti ta' vvalutar tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, kif ukoll ir-rapport annwali tagħha dwar il-monitoraġġ *tal-applikar* tal-liġi tal-UE;

sistematikament parti mir-rapporti ta' vvalutar tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, kif ukoll ir-rapport annwali tagħha dwar il-monitoraġġ *tal-applikazzjoni* tal-liġi tal-UE; ***jirrakkomanda li l-Kummissjoni tirrevedi l-Linji Gwida eżistenti tal-Valutazzjoni tal-Impatt sabiex tagħti prominenza akbar lill-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, biex b'hekk jitwessgħu l-istandards sabiex jinkludu strumenti tan-NU u l-Kunsill tal-Ewropa għad-drittijiet tal-bniedem;***

Or. en

**Emenda 63**
**Mitro Repo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jistieden lill-Kunsill jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-impenn tagħha li tikkontrolla kemm l-emendi proposti tagħha lill-proposti tal-Kummissjoni kif ukoll il-proposti mressqa fuq inizjattiva tagħha stess mal-Karta; | 3. Jistieden lill-Kunsill jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-impenn tagħha li tikkontrolla kemm l-emendi proposti tagħha lill-proposti tal-Kummissjoni kif ukoll il-proposti mressqa fuq inizjattiva tagħha stess mal-Karta; ***ifakkar li sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali l-Istati Membri wkoll għandhom jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali meta jkunu qegħdin jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tal-UE;*** |

Or. fi

**Emenda 64**
**Mitro Repo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jara favorevolment il-miżuri meħuda mill-Kummissjoni, l-Ombudsman Ewropew u korpi oħra biex itejbu l-għarfien taċ-ċittadini dwar kif jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; iħeġġeġ il-Kummissjoni biex tkompli tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini u biex tevalwa r-riżultati tal-forniment ta' tali informazzjoni;*** |

Or. fi

**Emenda 65**
**Mariya Gabriel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jenfasizza ***lil-Parlament*** Ewropew għandu ***wkoll isaħħaħ*** il-valutazzjoni tal-impatt awtonoma tiegħu dwar id-drittijiet fundamentali fir-rigward ta' proposti u emendi leġiżlattivi taħt eżami fil-proċess leġiżlattiv ***sabiex*** jagħmilha aktar sistematika; | 4. Jenfasizza ***r-rwol fundamentali tal-Parlament*** Ewropew ***biex jivverifika u jikkontrolla l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea u għalhekk, jinsisti fuq il-fatt li l-Parlament Ewropew*** għandu ***jsaħħaħ*** il-valutazzjoni tal-impatt awtonoma tiegħu dwar id-drittijiet fundamentali fir-rigward ta' proposti u emendi leġiżlattivi taħt eżami fil-proċess leġiżlattiv ***u*** jagħmilha aktar sistematika; |

Or. fr

**Emenda 66**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jenfasizza *lil-Parlament* Ewropew għandu wkoll isaħħaħ il-valutazzjoni ***tal-impatt awtonoma*** tiegħu dwar id-drittijiet fundamentali fir-rigward ta' proposti u emendi leġiżlattivi taħt eżami fil-proċess leġiżlattiv sabiex jagħmilha aktar sistematika; | 4. Jenfasizza *li l-Parlament* Ewropew għandu wkoll isaħħaħ il-valutazzjoni tiegħu dwar id-drittijiet fundamentali fir-rigward ta' proposti u emendi leġiżlattivi taħt eżami fil-proċess leġiżlattiv sabiex jagħmilha aktar sistematika; |

Or. en

**Emenda 67**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jistieden lill-Kummissjoni - u lill-Kunsill, meta dan jibda leġiżlazzjoni - biex jagħmlu użu sistematiku mill-kompetenza indipendenti esterna notevolment tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali waqt it-tħejjija ta' valutazzjonijiet tal-impatt;*** |

Or. en

**Emenda 68**
**Renate Weber, Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE, fuq il-bażi fost l-oħrajn tal-Artikoli 2 u 6 tat-TUE u*** |

***tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, minflok ma tiffoka biss fuq l-implimentazzjoni tal-Karta u li tadotta approċċ minimalista; rapport bħal dan għandu jadotta analiżi aktar ibbilanċjata u awtokritika, sabiex ma jinkludix biss żviluppi pożittivi iżda wkoll analiżi ta' fejn tista' ssaħħaħ l-approċċ tagħha fil-futur; jemmen li rapport bħal dan għandu jinkludi analiżi tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri, inkluż fuq il-bażi ta' tħassib ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, tal-NGOs, tal-PE u taċ-ċittadini fir-rigward ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u d-demokrazija; ifakkar li l-Kummissjoni għandha d-dmir li twettaq attività bħal din kemm bħala gwardjan tat-Trattati u tal-Karta u kif ukoll abbażi tal-Artikoli 2, 6 u 7 tat-TUE;***

Or. en

**Emenda 69**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Karta jadotta analiżi aktar ibbilanċjata u awtokritika, sabiex jinkludi mhux biss żviluppi pożittivi iżda wkoll analiżi ta' fejn tista' ssaħħaħ l-approċċ tagħha fil-futur;*** |

Or. en

**Emenda 70**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jenfasizza li l-promozzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-libertajiet fundamentali jikkostitwixxu l-bażi tad-demokrazija fl-Unjoni Ewropea u kundizzjoni essenzjali għall-konsolidazzjoni taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja Ewropea; jenfasizza wkoll li r-rispett tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali jinkludi azzjonijiet fuq livelli differenti (internazzjonali, Ewropew, nazzjonali u lokali) u jenfasizza r-rwol li jista' jkollhom l-awtoritajiet reġjonali u lokali f'dan il-qasam b'rabta mal-assoċjazzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem;*** |

Or. fr

**Emenda 71**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jikkundanna l-kooperazzjoni insuffiċjenti bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li jittrattaw id-drittijiet fundamentali, l-NGOs u s-soċjetà ċivili fi proċessi preleġiżlattivi u leġiżlattivi u jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jaħdmu mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti kollha;*** |

Or. en

**Emenda 72**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Karta jadotta analiżi aktar ibbilanċjata u awtokritika, sabiex jinkludi mhux biss żviluppi pożittivi, iżda wkoll analiżi ta' fejn tista' ssaħħaħ l-approċċ tagħha fil-futur;*** |

Or. en

**Emenda 73**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jikkundanna t-tendenzi li jqajmu tħassib fil-qasam tal-ksur tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-iżviluppi relattivament reċenti fl-oqsma tal-immigrazzjoni u tal-asil, diskriminazzjonijiet u intolleranza b'mod partikolari lejn ċerti kategoriji u minoranzi, politiki ta' sikurezza u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-libertà tal-istampa, il-moviment liberu fl-Unjoni, id-drittijiet soċjali u tat-trejdjunjins;*** |

Or. fr

**Emenda 74**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiżguraw li jkun żgurat livell suffiċjenti ta' finanzjament fil-programmi ta' finanzjament iddedikati għad-drittijiet fundamentali u kontra d-diskriminazzjoni matul il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss;*** |

Or. en

**Emenda 75**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jirrakkomanda li l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill b'mod konġunt u formalment jirrikonoxxu l-eżistenza ta' obbligi pożittivi biex jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem bħala parti mil-liġi tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. Jistieden lill-Kunsill biex, fir-rapporti annwali tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, jinkludi analiżi tas-*** |

| | |
|---|---|
| | ***sitwazzjoni fl-Istati Membri billi jikkunsidra wkoll il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġu implimentati s-sentenzi tal-QEDB u tiġi adattata l-leġiżlazzjoni u l-prattika interna kif xieraq;*** |

Or. en

**Emenda 77**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. Jistenna bil-ħerqa mingħand l-Unjoni u l-Istati Membri li huma jindirizzaw in-nuqqas li dejjem jikber bejn il-prinċipji fil-qasam tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali u l-implimentazzjoni tagħhom, minħabba li din is-sitwazzjoni qed tiskredita lill-Unjoni u lill-Istati Membri;*** |

Or. fr

**Emenda 78**
**Monika Flašíková Beňová, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4d. Jikkundanna l-kooperazzjoni insuffiċjenti bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill mal-NGOs u s-soċjetà ċivili fi proċessi preleġiżlattivi u leġiżlattivi u jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jaħdmu mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti kollha;*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiżguraw li jinżamm livell sufficjenti ta' finanzjament fil-programmi ta' finanzjament iddedikati għad-drittijiet fundamentali matul il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss għall-NGOs li jaħdmu fil-livell tal-UE sabiex jirrappreżentaw b'mod effettiv l-opinjonijiet tal-gruppi fis-soċjetà li l-vuċijiet tagħhom kieku ma jinstemgħux fil-livell tal-UE, bħall-anzjani, dawk li jgħixu f'faqar estrem, minoranzi etniċi u razzjali, tfal, persuni LGBT, jew persuni b'diżabbiltà;*** |

Or. en

**Emenda 80**
**Monika Flašíková Beňová, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4f (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4f. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-acquis leġiżlattiv tal-UE billi tikkunsidra d-dawl tad-drittijiet imsemmija fil-Karta tal-UE; it-tensjonijiet possibbli bejn il-libertajiet ekonomiċi u d-drittijiet fundamentali għandhom jiġu indirizzati diġà fuq livell leġiżlattiv u mhux biss mill-ġudikatura tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 81**
**Monika Flašíková Beňová, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4g (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4g. Jiddispjaċih mill-apatija tal-Kummissjoni fir-reviżjoni tad-dominju ta' dak li kien it-tielet pilastru (il-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet kriminali) fid-dawl tal-Karta; ifakkar ir-rakkomandazzjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stokkolma fejn talab reviżjoni konsistenti ta' din il-leġiżlazzjoni u jfakkar lill-Kummissjoni li fl-1 ta' Diċembru 2014 dik il-leġiżlazzjoni kollha adottata f'qafas kostituzzjonali totalment differenti se tiġi applikata bħala tali fl-UE u se taffettwa b'mod ħażin id-drittijiet tal-individwali taħt il-ġurisdizzjoni tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 82**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Jiddispjaċih*** | ***imħassar*** |
| ***– Min-nuqqas ta' trasparenza fid-djalogu tal-Kummissjoni mal-Istati Membri meta d-drittijiet fundamentali jew l-interessi taċ-ċittadini Ewropej ikunu f'riskju; Jikkunsidra li nuqqas ta' trasparenza bħal dan rigward it-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE jista' jkun estremament ta' ħsara għal*** | |

***pajjiżi oħra tal-UE, għaċ-ċittadini tal-UE u għall-istituzzjonijiet l-oħra, b'mod partikolari meta d-drittiji't soċjali u ekonomiċi taċ-ċittadini jkunu f'riskju;***

***– n-nuqqas ta' trasparenza fl-aġenziji tal-UE, li tgħamilha diffiċli li jiġi vverifikat jekk l-azzjonijiet tagħhom humiex konformi jew le mal-prinċipji ta' trasparenza, amministrazzjoni tajba, protezzjoni tad-dejta u antidiskriminazzjoni kif ukoll ta' neċessità u proporzjonalità;***

Or. en

**Emenda 83**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Min-nuqqas ta' trasparenza fid-djalogu tal-Kummissjoni mal-Istati Membri meta d-drittijiet fundamentali jew l-interessi taċ-ċittadini Ewropej ikunu f'riskju; Jikkunsidra li nuqqas ta' trasparenza bħal dan rigward it-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE jista' jkun estremament ta' ħsara għal pajjiżi oħra tal-UE, għaċ-ċittadini tal-UE u għall-istituzzjonijiet l-oħra, b'mod partikolari meta *d-drittiji't* soċjali u ***ekonomiċi*** taċ-ċittadini jkunu f'riskju; | – Min-nuqqas ta' trasparenza fid-djalogu tal-Kummissjoni mal-Istati Membri meta d-drittijiet fundamentali jew l-interessi taċ-ċittadini Ewropej ikunu f'riskju; Jikkunsidra li nuqqas ta' trasparenza bħal dan rigward it-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE jista' jkun estremament ta' ħsara għal pajjiżi oħra tal-UE, għaċ-ċittadini tal-UE u għall-istituzzjonijiet l-oħra, b'mod partikolari meta *d-drittijiet* soċjali***, ekonomiċi*** u ***kulturali*** taċ-ċittadini jkunu f'riskju; |

Or. fr

**Emenda 84**
**Monika Flašíková Beňová, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Min-nuqqas ta' trasparenza ***fid-djalogu*** tal-Kummissjoni mal-Istati Membri meta d-drittijiet fundamentali jew l-interessi taċ-ċittadini Ewropej ikunu f'riskju; Jikkunsidra li nuqqas ta' trasparenza bħal dan ***rigward*** it-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE jista' jkun estremament ta' ħsara għal pajjiżi oħra tal-UE, għaċ-ċittadini tal-UE ***u*** għall-istituzzjonijiet l-oħra***, b'mod partikolari*** meta *d-drittiji't* soċjali u ekonomiċi taċ-ċittadini jkunu f'riskju; | – Min-nuqqas ta' trasparenza tal-Kummissjoni mal-Istati Membri meta d-drittijiet fundamentali jew l-interessi taċ-ċittadini Ewropej ikunu f'riskju; Jikkunsidra li nuqqas ta' trasparenza bħal dan ***dwar*** it-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE ***jmur kontra r-regoli tal-UE dwar it-trasparenza u l-prinċipju taċ-ċertezza legali,*** jista' jkun estremament ta' ħsara għal pajjiżi oħra tal-UE, għaċ-ċittadini tal-UE ***kif ukoll*** għall-istituzzjonijiet l-oħra ***notevolment*** meta *d-drittijiet* soċjali u ekonomiċi taċ-ċittadini jkunu f'riskju; ***jilqa' l-inizjattivi mħabbra mill-Kummissjoni biex ittejjeb it-trasparenza dwar l-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni tal-Istati Membri fil-qafas tal-implimentazzjoni tas-suq intern u jikkunsidra li t-trasparenza mħabbra għall-politika fiskali għandha tittejjeb anke meta d-drittijiet fundamentali jkunu f'riskju;*** |

Or. en

**Emenda 85**
**Monika Flašíková Beňová, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *n-nuqqas* ta' trasparenza ***fl-aġenziji*** tal-UE, li *tgħamilha* diffiċli li jiġi vverifikat jekk l-azzjonijiet tagħhom humiex konformi ***jew le*** mal-prinċipji ta' trasparenza, amministrazzjoni tajba, protezzjoni *tad-dejta* u antidiskriminazzjoni kif ukoll ta' neċessità u proporzjonalità; | – *in-nuqqas* ta' trasparenza ***tal-aġenziji*** tal-UE, li *tagħmilha* diffiċli li jiġi vverifikat jekk l-azzjonijiet tagħhom humiex konformi mal-prinċipji ta' trasparenza, amministrazzjoni tajba, protezzjoni *tad-data* u antidiskriminazzjoni kif ukoll ta' neċessità u proporzjonalità; ***jiddispjaċih min-nuqqas ta' interess persistenti tal-Kummissjoni f'qafas leġiżlattiv li jagħti amministrazzjoni miftuħa, indipendenti u*** |

***effiċjenti kif meħtieġ skont l-Artikolu 41 tal-Karta u l-Artikolu 298 tat-TFUE;***

Or. en

**Emenda 86**
**Anna Záborská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *n-nuqqas* ta' trasparenza fl-aġenziji tal-UE, li *tgħamilha* diffiċli li jiġi vverifikat jekk l-azzjonijiet tagħhom humiex konformi jew le mal-prinċipji ta' trasparenza, amministrazzjoni tajba, protezzjoni *tad-dejta* u antidiskriminazzjoni kif ukoll ta' neċessità u proporzjonalità; | – *in-nuqqas* ta' trasparenza fl-aġenziji tal-UE, ***jiġifieri l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali [1],*** li *tagħmilha* diffiċli li jiġi vverifikat jekk l-azzjonijiet tagħhom humiex konformi jew le mal-prinċipji ta' trasparenza, ***oġġettività, imparzjalità effettiva,*** amministrazzjoni tajba, protezzjoni *tad-data* u antidiskriminazzjoni kif ukoll ta' neċessità u proporzjonalità; |
| | ______________<br>***[1] A7-0344/2010, P7_TA(2010)0483, Taqsima 31.*** |

Or. en

**Emenda 87**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *n-nuqqas* ta' trasparenza fl-aġenziji tal-UE, li *tgħamilha* diffiċli li jiġi vverifikat jekk l-azzjonijiet tagħhom humiex konformi jew le mal-prinċipji ta' trasparenza, amministrazzjoni tajba, protezzjoni *tad-dejta* u antidiskriminazzjoni kif ukoll ta' neċessità | – *in-nuqqas* ta' trasparenza fl-aġenziji tal-UE, li *tagħmilha* diffiċli li jiġi vverifikat jekk l-azzjonijiet tagħhom humiex konformi jew le mal-prinċipji ta' trasparenza, amministrazzjoni tajba, protezzjoni *tad-data* ***personali*** u antidiskriminazzjoni kif ukoll ta' neċessità |

| | |
|---|---|
| u proporzjonalità; | u proporzjonalità; |

Or. fr

**Emenda 88**
**Valdemar Tomaševski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***n-nuqqas*** ta' trasparenza fl-aġenziji tal-UE, li tgħamilha diffiċli li jiġi vverifikat jekk l-azzjonijiet tagħhom humiex konformi jew le mal-prinċipji ta' trasparenza, amministrazzjoni tajba, protezzjoni *tad-dejta* u ***antidiskriminazzjoni*** kif ukoll ta' neċessità u proporzjonalità; | – ***n-nuqqas*** ta' trasparenza fl-aġenziji tal-UE, li tgħamilha diffiċli li jiġi vverifikat jekk l-azzjonijiet tagħhom humiex konformi jew le mal-prinċipji ta' trasparenza, amministrazzjoni tajba, protezzjoni *tad-data* u ***l-oppożizzjoni għad-diskriminazzjoni – inkluża diskriminazzjoni li taffettwa l-minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi -*** kif ukoll ta' neċessità u proporzjonalità; |

Or. pl

**Emenda 89**
**Lorenzo Fontana**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – *n-nuqqas* ta' trasparenza fl-aġenziji tal-UE, li *tgħamilha* diffiċli li jiġi vverifikat jekk l-azzjonijiet tagħhom humiex konformi jew le mal-prinċipji ta' trasparenza, amministrazzjoni tajba, protezzjoni *tad-dejta* u antidiskriminazzjoni kif ukoll ta' neċessità u proporzjonalità; | – *in-nuqqas* ta' trasparenza fl-aġenziji tal-UE ***u b'mod partikolari l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)***, li *tagħmilha* diffiċli li jiġi vverifikat jekk l-azzjonijiet tagħhom humiex konformi jew le mal-prinċipji ta' trasparenza, amministrazzjoni tajba, protezzjoni *tad-data* u antidiskriminazzjoni kif ukoll ta' neċessità u proporzjonalità; |

Or. en

**Emenda 90**
**Renate Weber, Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 – inċiż 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- in-nuqqas ta' trasparenza u ftuħ, kif ukoll ta' rispett, protezzjoni u promozzjoni xierqa tad-drittijiet fundamentali u ta' sorveljanza demokratika u parlamentari, fin-negozjati internazzjonali, li wassal lill-PE biex jirrifjuta ftehimiet internazzjonali bħal, fost l-oħrajn, l-ACTA, li se twassal lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex ibiddlu l-prattiki attwali u jirrispettaw id-drittijiet taċ-ċittadini;*** |

Or. en

**Emenda 91**
**Monika Flašíková Beňová, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jipproponi li jiġu żgurati kanali kontinwi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE bejn il-korpi rilevanti u fl-istituzzjonijiet tal-UE, u l-aġenziji tal-UE, u li jsir forum interistituzzjonali annwali sabiex issir diskussjoni għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali tal-UE; jikkunsidra li forum bħal dan għandu jkun pass ta' tħejjija tad-dibattitu annwali tal-PE dwar id-drittijiet fundamentali u dwar l-iżvilupp taż-żona Ewropea tal-libertà, sigurtà u l-ġustizzja; jikkunsidra li forum interistituzzjonali bħal dan għandu*** |

| | |
|---|---|
| | ***jlaqqa' rappreżentanti tal-Kummissjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP), tal-Kumitat tal-PE tal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (PETI), il-Kumitat għall-Impjiegi u Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, kif ukoll rappreżentanti tal-Ombudsman Ewropew, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), EUROFOUND, u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD);*** |

Or. en

**Emenda 92**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jipproponi li jiġu żgurati kanali kontinwi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE bejn il-korpi rilevanti u fl-istituzzjonijiet tal-UE, u l-aġenziji tal-UE, u li jsir forum interistituzzjonali annwali sabiex issir diskussjoni għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali tal-UE; jikkunsidra li forum bħal dan għandu jkun pass ta' tħejjija tad-dibattitu annwali tal-PE dwar id-drittijiet fundamentali u dwar l-iżvilupp taż-Żona Ewropea tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja; jemmen li forum interistituzzjonali bħal dan għandu jlaqqa' rappreżentanti tal-Kummissjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP), tal-Kumitat tal-PE tal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) u l-Kumitat*** |

***għall-Petizzjonijiet (PETI), il-Kumitat għall-Impjiegi u Affarijiet Soċjali (EMPL), il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI), il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM), is-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem (DROI), kif ukoll rappreżentanti tal-Ombudsman Ewropew, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), EUROFOUND, u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD);***

Or. en

**Emenda 93**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jissuġġerixxi aktar trasparenza fid-djalogu tal-Kummissjoni mal-Istati Membri, kif ukoll fil-ħidma tal-aġenziji tal-UE, meta d-drittijiet fundamentali jew l-interessi taċ-ċittadini Ewropej ikunu f'riskju;*** |

Or. en

**Emenda 94**
**Renate Weber, Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jitlob għat-tnedija ta' "ċiklu ta' politika Ewropea tad-drittijiet fundamentali", li jagħti dettalji fuq bażi multiannwali u annwali tal-objettivi li*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandhom jinkisbu u l-problemi li għandhom jiġu solvuti; ċiklu bħal dan għandu jipprevedi qafas għall-istituzzjonijiet u l-FRA, kif ukoll l-Istati Membri, biex jaħdmu flimkien billi jevitaw duplikazzjoni, jibnu fuq ir-rapporti ta' xulxin, iwettqu azzjonijiet komuni u jorganizzaw avvenimenti konġunti bil-parteċipazzjoni ta' NGOs, ċittadini, parlamenti nazzjonali, eċċ.;*** |

Or. en

**Emenda 95**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali biex isaħħu r-rwol tagħhom fl-iskrutinju tad-drittijiet tal-bniedem tal-attivitajiet tal-UE u l-implimentazzjoni nazzjonali tal-liġi tal-UE u jistedinhom biex jorganizzaw laqgħat perjodiċi li jiffukaw fuq l-istrateġiji li għandhom jiġu żviluppati sabiex tiġi implimentata l-Karta u l-ġurisprudenza tal-Qrati tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 96**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5 b. Iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali biex isaħħu r-rwol tagħhom fl-iskrutinju tad-drittijiet tal-bniedem tal-attivitajiet tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***UE u l-implimentazzjoni nazzjonali tal-liġi tal-UE u jistedinhom biex jorganizzaw laqgħat perjodiċi li jiffukaw fuq l-istrateġiji li għandhom jiġu żviluppati sabiex tiġi implimentata l-Karta u l-ġurisprudenza tal-Qrati tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 97**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Jikkundanna d-dewmien u l-ostakli mhux aċċettabbli fid-dħul tal-UE għall-KEDB, li huwa kkważat l-aktar minn Stati Membri partikolari, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonkludi l-proċedura;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 98**
**Renate Weber, Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jikkundanna d-dewmien u l-ostakli mhux aċċettabbli fid-dħul tal-UE għall-KEDB, ***li huwa kkważat*** l-aktar ***minn Stati Membri partikolari,*** u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonkludi l-proċedura; | 6. Jikkundanna d-dewmien u l-ostakli mhux aċċettabbli fid-dħul tal-UE għall-KEDB, ***ikkawżati*** l-aktar ***minħabba l-oġġezzjonijiet tar-Renju Unit*** u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tfakkar lill-Istat Membru kkonċernat dwar id-dmir tiegħu ta' kooperazzjoni leali li għandu jiġi sodisfatt f'negozjati internazzjonali u*** tikkonkludi l-proċedura; ***konsegwentement jitlob lill-Kunsill biex jaġixxi skont it-termini tal-Artikolu 265 tat-TFUE sabiex il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***proċeduri għad-dħul tal-UE mal-KEDB jiġu konklużi minn tal-anqas fil-ħin sa tmiem din il-leġiżlatura;*** |

Or. en

**Emenda 99**
**Monika Flašíková Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jikkundanna d-dewmien u l-ostakli mhux aċċettabbli fid-dħul tal-UE għall-KEDB, ***li huwa kkważat*** l-aktar minn Stati Membri partikolari**,** u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonkludi l-proċedura; | 6. Jikkundanna d-dewmien u l-ostakli mhux aċċettabbli fid-dħul tal-UE għall-KEDB, ***ikkawżat*** l-aktar minn Stati Membri partikolari u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tfakkar lill-Istati Membri kkonċernati dwar id-dmir ta' kooperazzjoni leali li għandu jiġi sodisfatt fin-negozjati internazzjonali u*** tikkonkludi l-proċedura ***minn tal-anqas fil-ħin sa tmiem din il-leġiżlatura***; |

Or. en

**Emenda 100**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jikkundanna d-dewmien u l-ostakli mhux aċċettabbli fid-dħul tal-UE ***għall-KEDB***, li huwa *kkważat* l-aktar minn Stati Membri partikolari, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonkludi l-proċedura; | 6. Jikkundanna d-dewmien u l-ostakli mhux aċċettabbli fid-dħul tal-UE ***għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB)***, li huwa *kkawżat* l-aktar minn Stati Membri partikolari, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonkludi l-proċedura ***fl-iqsar żmien possibbli u lill-Istati Membri sabiex jibdew il-proċeduri ta' ratifika tal-adeżjoni għall-KEDB*** |

| | |
|---|---|
| | ***malajr kemm jista' jkun***; |

Or. fr

**Emenda 101**
**Philip Claeys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jikkundanna*** d-dewmien u l-ostakli ***mhux aċċettabbli*** fid-dħul tal-UE għall-KEDB, li huwa *kkważat* l-aktar minn ***Stati*** Membri partikolari, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonkludi l-proċedura; | 6. ***Jinnota*** d-dewmien u l-ostakli fid-dħul tal-UE għall-KEDB, li huwa *kkawżat* l-aktar minn ***tħassib legali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu u tal-Istati*** Membri partikolari, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ***biex tipprovdi garanziji xierqa biex jindirizzaw dan it-tħassib u biss imbagħad*** tikkonkludi l-proċedura; |

Or. nl

**Emenda 102**
**Edit Bauer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jikkundanna d-dewmien u l-ostakli ***mhux aċċettabbli*** fid-dħul tal-UE għall-KEDB, li huwa *kkważat* l-aktar minn Stati Membri partikolari, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonkludi l-proċedura; | 6. Jikkundanna d-dewmien u l-ostakli fid-dħul tal-UE għall-KEDB, li huwa *kkawżat* l-aktar minn Stati Membri partikolari, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonkludi l-proċedura; |

Or. en

**Emenda 103**
**Monika Flašíková Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jikkunsidra li, anke qabel il-konklużjoni tan-negozjati fid-dħul tal-UE għall-KEDB, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkunsidraw it-traspożizzjoni mill-Istati Membri tal-ġurisprudenza ta' Strasburgu bħala kwistjoni ta' interess komuni;*** |

Or. en

**Emenda 104**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jissuġġerixxi li, minkejja l-ostakli li seħħew, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi l-proċedura tad-dħul tal-UE għall-KEDB malajr kemm jista' jkun, peress li se tipprovdi mekkaniżmu addizzjonali għall-infurzar tad-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 105**
**Renate Weber, Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jikkunsidra li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom joħolqu mekkaniżmu*** |

***sabiex jiżguraw li l-UE u l-Istati Membri tagħha jirrispettaw, jimplimentaw u jittrasponu l-ġurisprudenza tal-QEDB, peress li din hija kwistjoni ta' interess komuni u obbligu fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet fundamentali fl-UE;***

Or. en

**Emenda 106**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jinsab tassew imħasseb dwar l-attakki u l-mistoqsijiet imressqa minn ċerti Stati Membri kontra xi istituzzjonijiet u xi strumenti ta' protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem jew ir-rappreżentanti tagħhom, u dwar ir-reazzjoni tassew dgħajfa ta' oħrajn bħalhom; Ifakkar lill-Istati Membri kollha sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom fil-qasam tar-rispett tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali;*** |

Or. fr

**Emenda 107**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jinnota li l-parteċipazzjoni fi trattati internazzjonali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tista' sservi biss biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE u jilqa' l-fatt li l-UE ingħaqdet mal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u se tingħaqad mal-KEDB; jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jieħdu passi biex isiru parti minn trattati internazzjonali oħrajn dwar id-drittijiet tal-bniedem, bħall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;*** |

Or. en

**Emenda 108**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jinnota li l-parteċipazzjoni fi trattati internazzjonali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tista' sservi biss biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE u jilqa' l-fatt li l-UE ngħaqdet mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u se tingħaqad mal-KEDB; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jieħdu passi biex isiru parti minn trattati internazzjonali oħrajn dwar id-drittijiet tal-bniedem;*** |

Or. en

**Emenda 109**
**Monika Flašíková Beňová, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jinnota li l-parteċipazzjoni fi trattati internazzjonali dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem*** |

| | |
|---|---|
| | ***tista' sservi biss biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE u jilqa' l-fatt li l-UE ngħaqdet mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u se tingħaqad mal-KEDB; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jieħdu passi biex isiru parti minn trattati internazzjonali oħrajn dwar id-drittijiet tal-bniedem, bħall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;*** |

Or. en

**Emenda 110**
**Mario Borghezio**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Ifakkar l-impenn tal-Kummissjoni li tagħti prijorità lill-proċedimenti ta' ksur li jqajmu kwistjonijiet ta' prinċipju jew li għandhom impatt negattiv fuq iċ-ċittadini partikolarment kbir;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 111**
**Mario Borghezio**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Jiddispjaċih mir-reazzjoni dgħajfa tal-Kummissjoni għal ksur speċifiku tad-drittijiet fundamentali fi Stati Membri u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċedimenti ta' ksur jiżguraw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet umani,*** | ***imħassar*** |

***aktar milli jimmiraw għal soluzzjonijiet innegozjati mal-Istati Membri;***

Or. it

**Emenda 112**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Jiddispjaċih mir-reazzjoni dgħajfa tal-Kummissjoni għal ksur speċifiku tad-drittijiet fundamentali fi Stati Membri u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċedimenti ta' ksur jiżguraw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet umani, aktar milli jimmiraw għal soluzzjonijiet innegozjati mal-Istati Membri;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 113**
**Philip Claeys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jiddispjaċih mir-reazzjoni dgħajfa tal-Kummissjoni għal ksur speċifiku tad-drittijiet fundamentali fi Stati Membri u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċedimenti ta' ksur jiżguraw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet umani, aktar milli jimmiraw għal soluzzjonijiet innegozjati mal-Istati Membri; | 8. Jiddispjaċih mir-reazzjoni dgħajfa tal-Kummissjoni għal ksur speċifiku tad-drittijiet fundamentali fi Stati Membri u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċedimenti ta' ksur jiżguraw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet umani, aktar milli jimmiraw għal soluzzjonijiet innegozjati mal-Istati Membri; ***jenfasizza li fl-istess ħin mhux kull kunflitt politiku polarizzat fi Stat Membru jista' jitqajjem fuq livell Ewropew fuq il-bażi ta' allegat 'vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem';*** |

| | |
|---|---|
| | ***jistieden lill-Kummissjoni tippreserva l-iktar newtralità u oġġettività possibbli mhux biss fit-talba għall-informazzjoni u fil-veloċità tat-trażmissjoni iżda wkoll fir-rigward tal-kontenut tal-informazzjoni trażmessa;*** |

Or. nl

**Emenda 114**
**Monika Flašíková Beňová, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jiddispjaċih mir-reazzjoni dgħajfa tal-Kummissjoni għal ksur speċifiku tad-drittijiet fundamentali fi Stati Membri u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċedimenti ta' ksur jiżguraw il-protezzjoni effettiva *tad-drittijiet umani*, aktar milli jimmiraw għal soluzzjonijiet innegozjati mal-Istati Membri; | 8. Jiddispjaċih mir-reazzjoni dgħajfa tal-Kummissjoni għal ksur speċifiku tad-drittijiet fundamentali fi Stati Membri u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċedimenti ta' ksur jiżguraw il-protezzjoni effettiva *tad-drittijiet tal-bniedem*, aktar milli jimmiraw għal soluzzjonijiet innegozjati mal-Istati Membri ***wara bidla fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, minkejja l-kontinwazzjoni de facto possibbli ta' ksur tad-drittijiet***; |

Or. en

**Emenda 115**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jiddispjaċih mir-reazzjoni dgħajfa tal-Kummissjoni għal ksur speċifiku tad-drittijiet fundamentali fi Stati Membri u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċedimenti ta' ksur jiżguraw il- | 8. Jiddispjaċih mir-reazzjoni dgħajfa tal-Kummissjoni għal ksur speċifiku tad-drittijiet fundamentali ***u dgħjufija ta' kontrolli demokratiċi u bilanċi u l-istat tad-dritt*** fi Stati Membri u jitlob lill- |

| | |
|---|---|
| protezzjoni effettiva *tad-drittijiet umani*, aktar milli jimmiraw għal soluzzjonijiet innegozjati mal-Istati Membri; | Kummissjoni tiżgura li l-proċedimenti ta' ksur jiżguraw il-protezzjoni effettiva *tad-drittijiet tal-bniedem*, aktar milli jimmiraw għal soluzzjonijiet innegozjati mal-Istati Membri; |

Or. en

**Emenda 116**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jikkunsidra li, sabiex tinżamm il-kredibilità tal-kundizzjonijiet ta' adeżjoni, l-Istati Membri għandhom jiġu wkoll ivvalutati kontinwament għall-konformità kontinwa tagħhom mal-valuri fundamentali tal-UE u t-twettiq tal-impenji tagħhom fir-rigward tal-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt;*** |

Or. en

**Emenda 117**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jikkunsidra li, sabiex tinżamm il-kredibilità tal-kundizzjonijiet ta' adeżjoni, l-Istati Membri għandhom jiġu wkoll ivvalutati kontinwament għall-konformità kontinwa tagħhom mal-valuri fundamentali tal-UE u t-twettiq tal-impenji tagħhom fir-rigward tal-funzjonament tal-istituzzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***demokratiċi u l-istat tad-dritt;*** |

Or. en

**Emenda 118**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li proċedimenti ta' ksur jiżguraw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali, u għalhekk tniedi investigazzjonijiet oġġettivi u tibda proċedimenti ta' ksur jekk ikun hemm raġunijiet validi, biex b'hekk jiġu evitati standards doppji, kull meta Stat Membru jikser id-drittijiet stabbiliti fil-Karta meta jimplimenta leġiżlazzjoni tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 119**
**Mario Borghezio**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni toħroġ bi proposta dettaljata għal mekkaniżmu ta' monitoraġġ u sistema ta' twissija bikrija, li tibni fuq id-dispożizzjonijiet ta' Artiklu 7 tat-TUE u Artikolu 258 tat-TFUE;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 120**
**Anna Záborská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni toħroġ bi proposta dettaljata għal mekkaniżmu ta' monitoraġġ u sistema ta' twissija bikrija, li tibni fuq id-dispożizzjonijiet ta' Artiklu 7 tat-TUE u Artikolu 258 tat-TFUE;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 121**
**Lorenzo Fontana**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni toħroġ bi proposta dettaljata għal mekkaniżmu ta' monitoraġġ u sistema ta' twissija bikrija, li tibni fuq id-dispożizzjonijiet ta' Artiklu 7 tat-TUE u Artikolu 258 tat-TFUE;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 122**
**Renate Weber, Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. ***Jitlob*** għalhekk lill-Kummissjoni toħroġ ***bi*** proposta dettaljata għal mekkaniżmu ta' | 9. ***Jistieden*** għalhekk lill-Kummissjoni ***taġġorna l-komunikazzjoni tagħha tal-*** |

| | |
|---|---|
| monitoraġġ ***u*** sistema ta' twissija bikrija, li tibni fuq id-dispożizzjonijiet ***ta' Artiklu 7*** tat-TUE u Artikolu 258 tat-TFUE; | ***2003 (COM(2003)606) u jtenni t-talba tiegħu biex qabel it-tmiem tal-2012*** toħroġ proposta dettaljata għal mekkaniżmu ***ċar*** ta' monitoraġġ***,*** sistema ta' twissija bikrija ***u "proċedura ta' ffriżar" biex tiżgura li l-Istati Membri***, ***fuq talba tal-istituzzjonijiet tal-UE, jissospendu l-adozzjoni tal-liġijiet meta dawn ikunu suspettati*** li ***jkunu f'kuntrast mad-drittijiet fundamentali jew l-ordni legali tal-UE, li tassoċja notevolment il-korpi nazzjonali tad-drittijiet fundamentali maħluqa f'konformità mal-prinċipji ta' Pariġi u li*** tibni fuq id-dispożizzjonijiet ***tal-Artikoli 2, 6 u 7*** tat-TUE u Artikolu 258 tat-TFUE; |

Or. en

**Emenda 123**
**Monika Flašíková Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni ***toħroġ bi*** proposta dettaljata għal mekkaniżmu ta' monitoraġġ u sistema ta' twissija bikrija, li tibni fuq id-dispożizzjonijiet *ta' Artiklu 7* tat-TUE u Artikolu 258 tat-TFUE; | 9. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni ***taġġorna l-komunikazzjoni tagħha tal-2003 (COM(2003)606) u qabel it-tmiem tal-2012 tfassal*** proposta dettaljata għal mekkaniżmu ***ċar*** ta' monitoraġġ u sistema ta' twissija bikrija, li ***tassoċja notevolment il-korpi nazzjonali tad-drittijiet fundamentali maħluqa f'konformità mal-prinċipji ta' Pariġi u li*** tibni fuq id-dispożizzjonijiet *tal-Artikolu 7* tat-TUE u Artikolu 258 tat-TFUE; |

Or. en

**Emenda 124**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni toħroġ bi proposta dettaljata għal mekkaniżmu ta' monitoraġġ u sistema ta' twissija bikrija, li tibni fuq id-dispożizzjonijiet *ta' Artiklu 7* tat-TUE u *Artikolu 258* tat-TFUE; | 9. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni toħroġ bi proposta dettaljata għal mekkaniżmu ta' monitoraġġ u sistema ta' twissija bikrija, li tibni fuq id-dispożizzjonijiet *tal-Artikolu* 7 tat-TUE u *l-Artikolu 258* tat-TFUE; ***Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel eżami dettaljat tal-proċeduri tal-ksur fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet ġodda tat-Trattat ta' Lisbona, b'mod partikolari fil-qasam tal-ksur tad-drittijiet fundamentali, u sabiex tagħmel rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill; Jistieden lill-Kummissjoni sabiex f'dan ir-rapport tinkludi rendikont tal-kontroll effettiv tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, inkluż matul l-iżvilupp ta' proposti leġiżlattivi tal-Unjoni;*** |

Or. fr

**Emenda 125**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jenfasizza l-impenn tiegħu li juża s-setgħat tiegħu biex jaġixxi bħala litigant għad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari biex jiżgura li l-atti tal-UE jirrispettaw, jipproteġu, jippromwovu u jissodisfaw id-drittijiet tal-bniedem;*** |

Or. en

**Emenda 126**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-istrateġija dejjem aktar ripressiva tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija li qed tkun karatterizzata minn ksur dejjem aktar spiss tal-libertajiet individwali fil-qafas ta' politiki differenti li mhumiex limitati għall-ġlieda kontra t-terroriżmu; Jikkundanna l-miżuri li ttieħdu reċentement fil-kuntest tat-twaqqif mill-ġdid temporanju tal-kontrolli fil-fruntieri interni tal-Unjoni u jinsab imħasseb ħafna li l-moviment liberu tal-persuni qiegħed ikun dejjem aktar ikkundizzjonat mill-għoti ta' dejta personali jew mis-sorveljanza elettronika ta' postijiet pubbliċi;*** |

Or. fr

**Emenda 127**
**Mariya Gabriel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi pjan ta' azzjoni u ta' ħidma dettaljat dwar l-effetti tan-nomina ta' Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-analiżi tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Unjoni u r-rwol tiegħu fil-verifika tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea mill-Istati Membri u fl-applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet u t-trattati internazzjonali;*** |

Or. fr

**Emenda 128**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jenfasizza li l-mandat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandu jissaħħaħ biex jinkludi monitoraġġ regolari tal-konformità tal-Istati Membri mal-Artikolu 2 tat-TUE, b'pubblikazzjoni tar-rapporti annwali dwar is-sejbiet u l-preżentazzjoni ta' dawn fil-Parlament Ewropew;*** |

Or. en

**Emenda 129**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9b. Jitlob għar-reviżjoni tar-regoli proċedurali tal-QĠUE u l-Qorti Ġenerali sabiex jiffaċilitaw interventi minn partijiet terzi, b'mod partikolari minn NGOs tad-drittijiet tal-bniedem;*** |

Or. en

**Emenda 130**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9b. Jitlob li jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u korpi internazzjonali oħra b'mod partikolari mal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni Ewropea tiegħu għad-Demokrazija permezz tal-Liġi (il-Kummissjoni ta' Venezja) sabiex jużaw l-kompetenza tiegħu fir-rispett lejn il-prinċipji tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u biex jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet infurzabbli tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9c. Jitlob it-twaqqif ta' Istituzzjonijiet Nazzjonali xierqa għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Istati Membri kollha u miżuri li jiffaċilitaw in-netwerking ta' dawn il-korpi fl-UE bl-appoġġ tal-FRA; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw il-kapaċità ta' Korpi ta' Ugwaljanza u Korpi tal-Protezzjoni tad-Data, ta' NHRIs u tal-FRA bħala litiganti tad-drittijiet tal-bniedem;*** |

Or. en

**Emenda 132**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9c. Jitlob it-twaqqif ta' Istituzzjonijiet Nazzjonali xierqa għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Istati Membri kollha u miżuri li jiffaċilitaw in-netwerking ta' dawn il-korpi fl-UE bl-appoġġ tal-FRA; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw il-kapaċità u jiggarantixxu l-indipendenza ta' Korpi ta' Ugwaljanza u Korpi tal-Protezzjoni tad-Data, ta' NHRIs u tal-FRA bħala litiganti għad-drittijiet tal-bniedem;*** |

Or. en

**Emenda 133**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9d. Jiddispjaċih mis-sitwazzjoni li qed tiggrava tal-libertà tal-midja f'diversi Stati Membri; jistieden lill-Istati Membri biex jirrispettaw u lill-Kummissjoni biex tieħu azzjonijiet xierqa biex tissorvelja u tinforza l-libertà tal-midja u l-pluraliżmu tal-midja; jilqa' l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew biex ifassal rapport fuq konfigurazzjonijiet standard għal-libertà tal-midja fl-UE;*** |

Or. en

**Emenda 134**
**Mario Borghezio**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***11. Jitlob għall-valutazzjoni parlamentari ta' politiki relatati mal-FSJA konformi ma' Artiklu 70 tatl-TFEU permezz tal-ħolqien ta' konnessjoni permanenti bejn il-Kumitati LIBE tal-PE u kumitati parlamentari nazzjonali li jitrattaw mad-drittijiet fundamentali sabiex jevalwaw il-leġiżlazzjoni relevanti fuq livell tal-UE u nazzjonali;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 135**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jitlob għall-valutazzjoni parlamentari ta' politiki relatati mal-FSJA ***konformi ma' Artiklu 70 tat-TFEU*** permezz tal-ħolqien ta' konnessjoni permanenti bejn il-Kumitati LIBE tal-PE u kumitati parlamentari nazzjonali li ***jitrattaw*** mad-drittijiet fundamentali sabiex jevalwaw il-leġiżlazzjoni relevanti fuq livell tal-UE u nazzjonali; | 11. Jitlob għall-valutazzjoni parlamentari ta' politiki relatati mal-FSJA permezz tal-ħolqien ta' konnessjoni permanenti bejn il-Kumitati LIBE tal-PE***, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini*** u ***l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP) u*** kumitati parlamentari nazzjonali li ***jittrattaw*** mad-drittijiet fundamentali sabiex jevalwaw il-leġiżlazzjoni relevanti fuq livell tal-UE u nazzjonali; |

Or. en

**Emenda 136**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. ***Jitlob*** lill-Istati Membri ***jwettqu*** kif xieraq l-obbligi tagħhom taħt il-liġi internazzjonali, li s'issa ma għamlux, ***biex jinvestigaw ksur serju tad-drittijiet umani fil-kuntest ta' kooperazzjoni mal-programm taċ-CIA kontra t-terroriżmu, u jagħtu kumpens sħiħ lill-vittmi;*** | 12. ***Jistenna*** lill-Istati Membri ***sabiex jissodisfaw*** kif xieraq l-obbligi tagħhom taħt il-liġi internazzjonali, li s'issa ma għamlux, ***u b'mod partikolari:*** |
| | ***- biex jinvestigaw abbażi tal-elementi l-ġodda miġjuba dwar ksur serju tad-drittijiet umani fil-kuntest ta' allegazzjonijiet ta' trasport u ta' żamma illegali ta' priġunieri mis-CIA f'pajjiżi Ewropej taħt il-programm tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, sabiex jagħtu rendikont fir-rigward tal-involviment tagħhom f'dawn l-azzjonijiet, sabiex ifittxu lill-persuni li pparteċipaw f'dawn l-azzjonijiet, u biex jagħtu kumpens sħiħ lill-vittmi,*** |
| | ***- biex jinvestigaw il-ksur tad-dritt għall-ħajja pprovokat mill-espulsjonijiet tal-immigranti u mill-persuni li jfittxu l-asil fil-Mediterran, jew mill-għoti ta' sokkors fil-baħar mhux immedjat min-naħa ta' ċerti Stati Membri;*** |

Or. fr

**Emenda 137**
**Mariya Gabriel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jitlob lill-Istati Membri jwettqu kif xieraq l-obbligi tagħhom taħt il-liġi internazzjonali, li s'issa ma għamlux, biex jinvestigaw ksur serju tad-drittijiet umani fil-kuntest ta' kooperazzjoni mal-programm ***taċ-CIA*** kontra t-terroriżmu, u | 12. Jitlob lill-Istati Membri jwettqu kif xieraq l-obbligi tagħhom taħt il-liġi internazzjonali, li s'issa ma għamlux, biex jinvestigaw ksur serju tad-drittijiet umani fil-kuntest ta' kooperazzjoni mal-programm ***tas-CIA*** kontra t-terroriżmu, |

| | |
|---|---|
| jagħtu kumpens sħiħ lill-vittmi; | ***sabiex jintensifikaw il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin*** u ***kontra l-kriminalità organizzata u*** jagħtu kumpens sħiħ lill-vittmi; |

Or. fr

**Emenda 138**
**Mariya Gabriel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu aktar mill-qrib, inkluż mal-Parlament Ewropew u mal-parlamenti nazzjonali, sabiex ikun hemm applikazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u għal segwitu aħjar fil-qasam tal-ilmenti u għar-rimedju ta' irregolaritajiet;*** |

Or. fr

**Emenda 139**
**Philip Claeys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– Li l-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, li saret politika għall-UE standard, kif ukoll id-drittijiet soċjali u ekonomiċi, li huma elementi essenzjali għall-Karta, xorta għadhom esklużi mill-mandat tal-FRA; Jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-kwistjonijiet sovrastanti fil-qafas multi*** | ***imħassar*** |

***annwali li jmiss tal-FRA;***

Or. nl

Justification

**Emenda 140**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13 – inċiż 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Li l-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, li saret politika għall-UE standard, kif ukoll id-drittijiet soċjali u ekonomiċi, li huma elementi essenzjali għall-Karta, xorta għadhom ***esklużi mill-mandat*** tal-FRA; *Jitlob* lill-Kummissjoni tinkludi l-kwistjonijiet sovrastanti fil-qafas *multi annwali* li jmiss tal-FRA; | – Li l-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, li saret politika għall-UE standard, kif ukoll id-drittijiet soċjali u ekonomiċi, li huma elementi essenzjali għall-Karta, xorta għadhom ***mhux inklużi espliċitament fil-mandat*** tal-FRA; *Jistieden* lill-Kummissjoni tinkludi l-kwistjonijiet sovrastanti fil-qafas *multiannwali* li jmiss tal-FRA; |

Or. en

**Emenda 141**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jindika nuqqasijiet fil-mandat attwali tal-FRA, notevolment in-numru limitat ta' evalwazzjoni komparattiva bejn l-Istati Membri u n-nuqqas ta' valutazzjonijiet tal-pajsaġġ sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija tal-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 142**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jindika nuqqasijiet fil-qafas attwali multiannwali tal-FRA, notevolment in-numru limitat ta' evalwazzjoni komparattiva bejn l-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 143**
**Renate Weber, Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jindika li l-Prinċipji ta' Pariġi dwar l-NHRIs għandhom jintużaw bħala mudell għar-riforma tal-istituzzjonijiet nazzjonali kif ukoll il-FRA u jitlob li r-Regolament tal-FRA jiġi rivedut b'mod urġenti sabiex il-mandat tal-FRA jiġi mkabbar u allinjat skont proċedura leġiżlattiva ordinarja mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għall-kamp ta' applikazzjoni sħiħ kopert mill-Artikoli 2, 6 u 7 tat-TUE u notevolment skont l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea mill-uffiċċji u l-korpi tal-Aġenziji tal-Istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll skont l-attivitajiet tal-Istati Membri; jikkunsidra li l-indipendenza tal-FRA għandha tissaħħaħ, kif ukoll is-setgħat u l-kompetenzi tagħha; jikkunsidra li l-Kumitat Xjentifiku tal-FRA u n-netwerk FRANET għandhom jissottomettu lill-parlamenti Ewropej u nazzjonali u jippubblikaw kull sena rapport tematiku u aktar iffukat li jivvaluta s-sitwazzjoni fl-*** |

***Istat Membru tal-UE, kif sar sal-2006 minn dak li kien in-Netwerk tal-Esperti dwar id-Drittijiet Fundamentali; jitlob lill-FRA biex tirrispetta bis-sħiħ l-Artikolu 15 tat-TFUE billi tagħmel il-proċedimenti tagħha miftuħa u billi tagħti aċċess għad-dokumenti tagħha permezz ta' reġistru aċċessibbli għall-pubbliku kif stipulat fir-Regolament 1049/2001;***

Or. en

**Emenda 144**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jirrevedu, flimkien mal-Parlament Ewropew, ir-regolament ta' twaqqif tal-FRA sabiex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tiegħu, inkluż rwol ta' monitoraġġ;*** |

Or. en

**Emenda 145**
**Monika Flašíková Beňová, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13b. Jikkunsidra li l-kumitat xjentifiku tal-FRA għandu jkun magħmul minn membri preċedenti tal-Qrati kostituzzjonali Ewropej u nazzjonali, maħtura permezz ta' deżinjazzjoni, kif ġej: terz mill-PE, terz mill-Kunsill u terz mill-Kummissjoni; jikkunsidra li għandu*** |

| | |
|---|---|
| | ***jkollu rwol indipendenti u newtrali fl-interess tal-istituzzjonijiet Ewropej, kif isir mill-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 146**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13b. Jikkunsidra li l-kumitat xjentifiku tal-FRA għandu jkun magħmul minn membri preċedenti tal-Qrati kostituzzjonali Ewropej u nazzjonali, maħtura permezz ta' deżinjazzjoni, kif ġej: terz mill-PE, terz mill-Kunsill u terz mill-Kummissjoni; jikkunsidra li għandu jkollu rwol indipendenti u newtrali fl-interess tal-istituzzjonijiet tal-UE, kif isir mill-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 147**
**Renate Weber, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13b. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirrispetta b'mod sħiħ l-indipendenza u l-kompetenzi tal-FRA u biex ma titfax pressjoni eċċessiva fuq l-FRA fir-rigward tal-opinjonijiet tagħha dwar il-proposti tal-Kummissjoni, kif ġara riċentement fir-rigward tal-opinjoni dwar il-ġurisdizzjoni*** |

***u l-liġi applikabbli għall-effetti fuq il-proprjetà ta' żwiġijiet u sħubiji reġistrati;***

Or. en

**Emenda 148**
**Monika Flašíková Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13c. Jindika li l-Prinċipji ta' Pariġi dwar l-NHRIs għandhom jintużaw bħala mudell għar-riforma tal-istituzzjonijiet nazzjonali kif ukoll il-FRA u jitlob li l-mandat tal-FRA jiġi allinjat skont proċedura leġiżlattiva ordinarja mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għall-kamp ta' applikazzjoni sħiħ kopert mill-Artikolu 6 tat-TUE u notevolment skont l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea mill-uffiċċji u l-korpi tal-Aġenziji tal-Istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll skont l-attivitajiet tal-Istati Membri li jaqgħu fil-politiki tal-UE; jikkunsidra li l-Kumitat Xjentifiku tal-FRA u n-netwerk FRANET għandhom jissottomettu lill-parlamenti Ewropej u nazzjonali u jippubblikaw kull sena rapport tematiku u aktar iffukat li jivvaluta s-sitwazzjoni fl-Istat Membru tal-UE, kif sar sal-2006 minn dak li kien in-Netwerk tal-Esperti dwar id-Drittijiet Fundamentali; jitlob lill-FRA biex tirrispetta bis-sħiħ l-Artikolu 15 tat-TFUE billi tagħmel il-proċedimenti tagħha miftuħa u billi tagħti aċċess għad-dokumenti tagħha permezz ta' reġistru aċċessibbli għall-pubbliku kif stipulat fir-Regolament 1049/2001;*** |

Or. en

**Emenda 149**
**Renate Weber, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13c. Jistieden lill-FRA biex tiżgura li l-NGOs li ma jirrispettawx id-drittijiet fundamentali, it-tolleranza, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u jippromwovu l-intolleranza u d-diskriminazzjoni huma esklużi mill-pjattaforma tad-drittijiet fundamentali tal-FRA u jemmen li t-trasparenza għandha tkun meħtieġa fir-rigward tal-mod li bih dawn l-organizzazzjonijiet huma ffinanzjati u l-attivitajiet tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 150**
**Mario Borghezio**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***14. Huwa mħasseb dwar l-opt-outs ta' xi Stati Membri, li ser jirriskjaw li jiġu efettwati d-drittijiet taċ-ċittadini tagħhom li ser isofru minn diskriminazzjoni aktar minn ċittadini oħra tal-UE;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 151**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Huwa mħasseb dwar ***l-opt-outs*** ta' xi Stati Membri, li ser jirriskjaw li jiġu *efettwati* d-drittijiet taċ-ċittadini tagħhom li ser isofru minn diskriminazzjoni aktar minn ċittadini oħra tal-UE; | 14. Huwa mħasseb dwar ***l-imsejħa "opt-outs"*** ta' xi Stati Membri, li ser jirriskjaw li jiġu *affettwati* d-drittijiet taċ-ċittadini tagħhom li ser isofru minn diskriminazzjoni aktar minn ċittadini oħra tal-UE ***u jfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-ECJ, l-"opt-outs" mhumiex maħsuba biex jeżentaw lill-Istati Membri mill-obbligu li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Karta jew li jimpedixxu lil qorti ta' wieħed minn dawk l-Istati Membri milli tiżgura konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet***; |

Or. en

**Emenda 152**
**Philip Claeys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Libertà tal-espressjoni***<br><br>***Hu mħasseb dwar il-pressjoni li qed tiżdied fuq il-libertà tal-espressjoni eżerċitata minn tendenzi estremisti fi ħdan l-Islam, partikolarment is-Salafiżmu; jenfasizza li l-libertà tal-espressjoni għandha tapplika madwar l-UE kollha, inkluż għal dawk li jixtiequ jesprimu opinjoni kritika dwar l-Islam; jikkundanna, għalhekk, is-sitwazzjoni fejn politikanti u artisti jkunu vittmi ta' pjanijiet ta' qtil u attakki u jkollhom ikunu mgħassa kontinwament; jikkundanna d-disturbanza tal-qari, id-distruzzjoni ta' xogħlijiet tal-arti, u t-theddid fuq il-kittieba u l-artisti; jenfasizza li l-kritika ta' kwalunkwe reliġjon u d-duttrini tagħha, għalhekk inkluż dawk tal-Islam, ma turix nuqqas*** |

***ta' rispett iżda tifforma parti essenzjali tal-ordni ġuridika Ewropea komuni li tiddikjara li r-reliġjonijiet, it-testi reliġjużi, id-duttrini reliġjużi, l-istituzzjonijiet u ministri huma wkoll suġġetti leġittimi għad-dibattitu;***

Or. nl

**Emenda 153**
**Renate Weber, Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tieqaf tiddikjara li "iċ-ċittadini jħabbtu fuq il-bieb ħażin", sabiex tiġi minimizzata l-kompetenza tal-UE fir-rigward tad-drittijiet fundamentali u r-rifjut ta' talbiet taċ-ċittadini; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tieħu nota tat-tħassib taċ-ċittadini dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali, tagħmilhom konxji ta' kif għandhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għall-ġustizzja u tinforza d-drittijiet tagħhom fl-aktar fora xierqa, rilevanti u kompetenti; jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma lil dawk iċ-ċittadini li jikkuntattjawha fir-rigward ta' ksur tad-drittijiet fundamentali dwar dawn il-possibbiltajiet addizzjonali jew aktar xierqa fid-dettall, iżżomm rekord ta' dawn l-indikazzjonijiet u tirrapporta dwar dan fid-dettall kollu fir-rapporti annwali tagħha dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE u dwar l-implimentazzjoni tal-Karta; jenfasizza li l-korrispondenza taċ-ċittadini hija estremament rilevanti sabiex jinkixef ksur possibbli strutturali, sistemiku u serju tad-drittijiet fundamentali fl-UE u l-Istati Membri tagħha u konsegwentement rilevanti sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni reali tal-Artikoli 2, 6 u 7 tat-*** |

| | |
|---|---|
| | ***TUE mill-Kummissjoni; jikkunsidra li n-netwerks informali, bħal dawk żviluppati b'suċċess għas-suq intern (SOLVIT), għandhom jiġu stabbiliti fuq livell nazzjonali u reġjonali biex jassistu u jagħtu pariri lil nies li qegħdin fir-riskju li d-drittijiet tagħhom jiġu miksura (bħall-immigranti, dawk li jfittxu l-asil, persuni vulnerabbli); jikkunsidra li dawn l-istrutturi ta' appoġġ għall-istabbiliment mill-ġdid tad-drittijiet u l-integrazzjoni ekonomika u soċjali għandhom ikunu prijorità għall-fondi reġjonali;*** |

Or. en

**Emenda 154**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jenfasizza li, minbarra li tinforma lill-individwi dwar id-drittijiet tal-Karta tagħhom, il-Kummissjoni għandha tiżgura li huma konxji ta' kif jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għall-ġustizzja u jinfurzaw id-drittijiet tagħhom fil-fora rilevanti; jikkunsidra li n-netwerks informali, bħal dawk żviluppati b'suċċess għas-suq intern (SOLVIT), għandhom jiġu stabbiliti fuq livell nazzjonali u reġjonali biex jassistu u jagħtu pariri lil nies li qegħdin fir-riskju li d-drittijiet tagħhom jiġu miksura (bħall-immigranti, dawk li jfittxu l-asil, persuni vulnerabbli); jikkunsidra li dawn l-istrutturi ta' appoġġ għall-istabbiliment mill-ġdid tad-drittijiet u l-integrazzjoni ekonomika u soċjali għandhom ikunu prijorità għall-fondi reġjonali;*** |

Or. en

**Emenda 155**
**Konrad Szymański, Janusz Wojciechowski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-Istati Membri jiġu protetti minn kwalunkwe pressjoni żejda fil-qasam tal-liġi tal-familja;*** |

Or. en

**Emenda 156**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jistieden lill-Istati Membri jiġbru data diżaggregata għar-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni, kif ukoll biex jiżviluppaw indikaturi tad-drittijiet fundamentali b'kooperazzjoni mal-FRA, sabiex jiżguraw leġiżlazzjoni u politiki infurmati u mmirati sew, b'mod partikolari fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni u fil-kuntest tal-istrateġiji nazzjonali ta' integrazzjoni tar-Roma;*** |

Or. en

**Emenda 157**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Jitlob lill-Istati Membri biex jiġbru data diżaggregata għar-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni, kif ukoll biex jiżviluppaw indikaturi tad-drittijiet fundamentali b'kooperazzjoni mal-FRA, sabiex jiżguraw leġiżlazzjoni u politiki infurmati u mmirati sew, b'mod partikolari fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni u fil-kuntest tal-istrateġiji nazzjonali ta' integrazzjoni tar-Roma;*** |

Or. en

**Emenda 158**
**Philip Claeys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal rizoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Hu mħasseb dwar il-pressjoni li qed tiżdied eżerċitata fuq il-libertà tal-espressjoni fil-kuntest tad-dibattitu dwar l-imigrazzjoni, l-ażil u r-residenza illegali; jenfasizza li d-differenza importanti għandha tkun irrispettata bejn inċitament mhux aċċettabbli għal mibegħda jew vjolenza minn banda u kritika politika aċċettabbli ta' problemi reali fis-soċjetà li jirrigwardaw l-immigrazzjoni, l-ażil u r-residenza illegali mill-banda l-oħra; ifakkar il-każistika konsistenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn il-libertà tal-espressjoni tapplika wkoll għal opinjonijiet disturbanti, xokkanti jew offensivi;*** |

Or. nl

**Emenda 159**
**Renate Weber, Sophia in 't Veld, Gianni Vattimo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tad-Deċiżjoni Qafas sabiex tinkludi forom oħra ta' reati ta' mibegħda, inkluż għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali, identità tas-sessi u espressjoni tal-ġeneru;*** |

Or. en

**Emenda 160**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Jikkundanna l-fatt li mhux l-Istati Membri kollha ttrasponew kif suppost id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali; jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu passi legali kontra l-ksenofobija, ir-razziżmu, id-diskriminazzjoni kontra ż-żingari, u forom oħra ta' vjolenza u mibegħda kontra kwalunkwe gruppi ta' minoranza, inkluż diskors ta' mibegħda;*** |

Or. en

**Emenda 161**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14c. Jikkundanna l-fatt li mhux l-Istati Membri kollha ttrasponew kif suppost id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali [1]; jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu passi legali kontra l-ksenofobija, ir-razziżmu, u d-diskors ta' mibegħda; ifakkar li fl-1 ta' Diċembru 2014 din id-deċiżjoni qafas se tiġi infurzata bis-sħiħ kif ukoll id-deċiżjonijiet qafas kollha fis-seħħ dak iż-żmien;*** |
| | ***[1] ĠU 2008 L 328 tat-12.5.2008, p. 55.*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14c. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi riformulazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas sabiex tinkludi forom oħra ta' reati ta' mibegħda, inkluż għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali, identità tas-sessi u espressjoni tal-ġeneru;*** |

Or. en

**Emenda 163**
**Monika Flašíková Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14d (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***14d. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi riformulazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas sabiex tinkludi forom oħra ta' reati ta' mibegħda, inkluż għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali, identità tas-sessi u espressjoni tal-ġeneru;*** |

Or. en

**Emenda 164**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14d (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***14d. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-reati ta' mibegħda, bħal b'intenzjoni razzista, ksenofobika, antisemitika, islamofobika, omofobika jew transfobika jkunu punibbli fis-sistema tal-liġi kriminali, u li dawn ir-reati jiġu investigati b'mod effettiv, jittieħdu passi legali kontrihom u jiġu kkastigati, li l-vittmi jiġu offruti assistenza, protezzjoni u kumpens xierqa, u li reati bħal dawn jiġu reġistrati kif xieraq;*** |

Or. en

**Emenda 165**
**Monika Flašíková Beňová, Tatjana Ždanoka, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14e (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***14e. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-reati ta' mibegħda, bħal b'intenzjoni*** |

***razzista, ksenofobika, antisemitika, islamofobika, omofobika jew transfobika jkunu punibbli fis-sistema tal-liġi kriminali, u li dawn ir-reati jiġu investigati b'mod effettiv, jittieħdu passi legali kontrihom u jiġu kkastigati, li l-vittmi jiġu offruti assistenza, protezzjoni u kumpens xierqa, u li reati bħal dawn jiġu reġistrati kif xieraq;***

Or. en

**Emenda 166**
**Philip Claeys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta' soċjetà demokratika; ***Iqis inkomprensibbli li l-imblukkar ppreżenti tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni malajr kemm jista' jkun;*** | 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta' soċjetà demokratika; |

Or. nl

Justification

**Emenda 167**
**Mario Borghezio**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta' soċjetà demokratika; ***Iqis inkomprensibbli li l-imblukkar ppreżenti tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni malajr kemm jista' jkun;*** | 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta' soċjetà demokratika; |

Or. it

**Emenda 168**
**Lorenzo Fontana**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta**'** soċjetà demokratika; ***Iqis inkomprensibbli li l-imblukkar ppreżenti tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni malajr kemm jista' jkun;*** | 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta**'** soċjetà demokratika; |

Or. en

**Emenda 169**
**Anna Záborská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta′ soċjetà demokratika; ***Iqis inkomprensibbli li l-imblukkar ppreżenti tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi*** biex ***jiżguraw l-adozzjoni malajr kemm jista' jkun***; | 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta**'** soċjetà demokratika; ***jistieden għalhekk lill-Istati Membri*** biex ***jimplimentaw in-numru kbir ta' strumenti diġà eżistenti tal-acquis communautaire u biex jevalwaw l-ħtieġa reali ta' titjib permezz ta' atti leġiżlattivi ġodda tal-UE qabel it-tnedija ta' atti leġiżlattivi ġodda***; |

Or. en

Emenda 170
**Renate Weber, Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta′ soċjetà demokratika; Iqis ***inkomprensibbli*** li l-imblukkar *ppreżenti* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni ***malajr kemm jista' jkun***; | 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta**'** soċjetà demokratika; Iqis li ***huwa ta' dispjaċir u kontra l-ispirtu u l-kliem tat-Trattat li*** l-imblukkar *attwali* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni; ***jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri li bħalissa qed jimblukkaw in-negozjati biex jagħmlu pubbliċi l-argumenti, il-proposti u l-pożizzjonijiet tagħhom fil-Kunsill b'mod ġenerali u notevolment fil-Grupp ta' Ħidma kompetenti tal-Kunsill sabiex iċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jifhmu*** |

***aħjar għaliex ma jsirx progress u jiġġudikaw b'kuxjenza sħiħa il-pożizzjonijiet tal-gvernijiet, il-Ministri u l-partiti politiċi dwar id-diskriminazzjoni tal-persuni fuq il-bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali; jitlob li tiġi mnedija kampanja Ewropea u jitfa' appell lill-NGOs, iċ-ċittadini, il-partiti politiċi u l-mexxejja, is-soċjetà ċivili, l-atturi ekonomiċi, biex jingħaqdu flimkien fiha sabiex jilħqu l-adozzjoni tad-direttiva; konsegwentement jitlob lill-Kunsill biex jaġixxi, abbażi tal-Artikolu 265 tat-TFUE, u biex jadotta d-direttiva qabel tmiem is-sena;***

Or. en

**Emenda 171**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta**'** soċjetà demokratika; Iqis ***inkomprensibbli*** li l-imblukkar *ppreżenti* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni ***malajr kemm jista' jkun***; | 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta**'** soċjetà demokratika; Iqis li ***huwa ta' dispjaċir u kontra l-ispirtu u l-kliem tat-Trattat li*** l-imblukkar *attwali* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali ***jew identità tas-sessi*** u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni; ***jistieden lill-Istati Membri li attwalment qed jimblukkaw in-negozjati biex jagħmlu l-argumenti tagħhom pubbliċi sabiex iċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jifhmu aħjar għaliex ma jsirx progress;*** |

Or. en

**Emenda 172**
**Monika Flašíková Beňová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta′ soċjetà demokratika; Iqis ***inkomprensibbli*** li l-imblukkar *ppreżenti* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni ***malajr kemm jista' jkun***; | 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta' soċjetà demokratika; Iqis li ***huwa ta' dispjaċir u kontra l-ispirtu u l-kliem tat-Trattat li*** l-imblukkar *attwali* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni; ***jistieden lill-Istati Membri li attwalment qed jimblukkaw in-negozjati biex jagħmlu l-argumenti tagħhom pubbliċi sabiex iċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jifhmu aħjar għaliex ma jsirx progress;*** |

Or. en

**Emenda 173**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta′ soċjetà demokratika; Iqis inkomprensibbli li l-imblukkar *ppreżenti* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, | 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta' soċjetà demokratika; Iqis inkomprensibbli li l-imblukkar *attwali* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż |

| | |
|---|---|
| inkluż reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni malajr kemm jista' jkun; | reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni malajr kemm jista' jkun; ***jiddispjaċih min-nuqqas ta' implimentazzjoni xierqa tad-direttivi eżistenti ta' ugwaljanza minn xi Stati Membri u jistieden lill-Kummissjoni biex teżaminaha bħala kwistjoni prijoritarja, u tibda proċeduri ta' ksur immedjatament, jekk ikun meħtieġ;*** |

Or. en

**Emenda 174**
**Antigoni Papadopoulou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta′ soċjetà demokratika; Iqis inkomprensibbli li l-imblukkar *ppreżenti* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni malajr kemm jista' jkun; | 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta**'** soċjetà demokratika; Iqis inkomprensibbli li l-imblukkar *attwali* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż ***sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa,*** reliġjon jew twemmin, ***opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, sħubija ta' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid,*** diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni malajr kemm jista' jkun; |

Or. en

**Emenda 175**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta′ soċjetà demokratika; Iqis ***inkomprensibbli*** li l-imblukkar *ppreżenti* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni malajr kemm jista' jkun; | 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta**'** soċjetà demokratika; Iqis ***inammissibbli*** li l-imblukkar *attwali* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni malajr kemm jista' jkun; |

Or. fr

**Emenda 176**
**Valdemar Tomaševski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta' soċjetà demokratika; Iqis inkomprensibbli li l-imblukkar *ppreżenti* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni malajr kemm jista' jkun; | 15. Jenfasizza li l-prinċipji ta' dinjità u ugwaljanza umana quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta' soċjetà demokratika; Iqis inkomprensibbli li l-imblukkar *attwali* tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż reliġjon jew twemmin, diżabilità, età**,** ***sħubija f'minoranzi nazzjonali*** jew ***etniċi, jew*** orjentazzjoni sesswali u jħeġġeġ sforzi biex jiżguraw l-adozzjoni malajr kemm jista' jkun; |

Or. pl

**Emenda 177**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jenfasizza li, skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, iċ-ċittadini Ewropej għandhom ikunu protetti wkoll minn diskriminazzjoni fuq bażi lingwistika;*** |

Or. en

**Emenda 178**
**Sergio Gaetano Cofferati, Rita Borsellino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15(a) (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15(a) Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea sabiex kull sena tagħżel belt minn wieħed mill-Istati Membri bħala "Kapitali Ewropea tad-Drittijiet", sabiex jiġi msaħħaħ ir-rwol li jistgħu jaqdu l-bliet fil-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u d-drittijiet ċivili, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi; azzjoni bħal din tgħin biex jiġu affermati l-valuri komuni bħar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tad-demokrazija, tal-ugwaljanza, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest ta' soċjetà ikkaratterizzata mill-pluraliżmu, it-tolleranza, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;*** |

Or. it

**Emenda 179**
**Philip Claeys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ta' ilment li jiżguraw li vittma ta' diskriminazzjoni diversa tista' tippreżenta ilment wieħed li jindirizza aktar minn bażi waħda ta' diskriminazzjoni; ***Jikkunsidra xieraq l-appoġġ tal-attivitajiet tad-difensuri tad-drittijiet umani u l-iżvilupp ta' azzjonijiet kollettivi minn nies u komunitajiet emarġinati;*** | 16. Jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ta' ilment li jiżguraw li vittma ta' diskriminazzjoni diversa tista' tippreżenta ilment wieħed li jindirizza aktar minn bażi waħda ta' diskriminazzjoni; |

Or. nl

Justification

**Emenda 180**
**Mikael Gustafsson**
f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
**Lívia Járóka, Mariya Gabriel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ta' ilment li jiżguraw li vittma ta' diskriminazzjoni diversa tista' tippreżenta ilment wieħed li jindirizza aktar minn bażi waħda ta' diskriminazzjoni; Jikkunsidra xieraq l-appoġġ tal-attivitajiet tad-difensuri tad-drittijiet umani u l-iżvilupp ta' azzjonijiet kollettivi minn nies u komunitajiet emarġinati; | 16. Jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ta' ilment li jiżguraw li vittma ta' diskriminazzjoni diversa***, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li n-nisa huma speċjalment fil-mira ta' dawn,*** tista' tippreżenta ilment wieħed li jindirizza aktar minn bażi waħda ta' diskriminazzjoni; Jikkunsidra xieraq l-appoġġ tal-attivitajiet tad-difensuri tad-drittijiet umani u l-iżvilupp ta' azzjonijiet kollettivi minn nies u komunitajiet emarġinati; |

Or. en

**Emenda 181**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ta' ilment li jiżguraw li vittma ta' diskriminazzjoni ***diversa*** tista' tippreżenta ilment wieħed li jindirizza aktar minn bażi waħda ta' diskriminazzjoni; Jikkunsidra xieraq l-appoġġ tal-attivitajiet tad-difensuri tad-drittijiet ***umani*** u l-iżvilupp ta′ azzjonijiet kollettivi minn nies u komunitajiet emarġinati; | 16. Jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ta' ilment li jiżguraw li vittma ta' diskriminazzjoni ***multipla*** tista' tippreżenta ilment wieħed li jindirizza aktar minn bażi waħda ta' diskriminazzjoni; Jikkunsidra xieraq l-appoġġ tal-attivitajiet tad-difensuri tad-drittijiet ***tal-bniedem*** u l-iżvilupp ta**'** azzjonijiet kollettivi minn nies u komunitajiet emarġinati; |

Or. fr

**Emenda 182**
**Konrad Szymański, Janusz Wojciechowski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Ifakkar li d-diskriminazzjoni tfisser ukoll it-trattament ugwali ta' sitwazzjonijiet intrinsikament differenti; jistieden l-evitar ta' strumentalizzazzjoni, interpretazzjonijiet sfurzati jew trattament privileġġjat għal kwalunkwe mir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 183**
**Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***16a. Jinsab imħasseb b'mod partikolari dwar iż-żieda fil-partiti politiċi li huma razzisti, ksenofobiċi, iżlamofobiċi u kontra l-Lhud b'mod espliċitu, favur kriżi ekonomika u soċjali li tippromwovi r-riċerka mgħaġġla ta' vittmi sagrifikali u li l-prattiki vjolenti tagħhom għandhom ikunu kkundannati;***

Or. fr

**Emenda 184**
**Anna Záborská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***16a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati interpretazzjonijiet unilaterali tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u jirrifjuta t-tentattiv li l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jingħata rwol preeminenti meta mqabbel ma' dispożizzjonijiet oħrajn (ugwalment importanti) tal-Karta;***

Or. en

**Emenda 185**
**Lorenzo Fontana**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***16a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati interpretazzjonijiet unilaterali tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u***

***jirrifjuta t-tentattiv li l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jingħata rwol preeminenti meta mqabbel ma' dispożizzjonijiet oħrajn (ugwalment importanti) inklużi fiha;***

Or. en

**Emenda 186**
**Sophia in 't Veld, Renate Weber, Gianni Vattimo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jistieden lill-Istati Membri biex jipproteġu l-libertà ta' reliġjon jew twemmin, inkluża l-libertà ta' dawk mingħajr reliġjon biex ma jbatux diskriminazzjoni bħala riżultat ta' eżenzjonijiet eċċessivi għar-reliġjonijiet mil-liġijiet dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 187**
**Valdemar Tomaševski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ma jiddiskriminawx kontra persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali jew etniċi, u biex jiżguraw li tali persuni jgawdu d-drittijiet mogħtija lilhom mid-dritt internazzjonali u dak tal-UE;*** |

Or. pl

**Emenda 188**
**Konrad Szymański, Janusz Wojciechowski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Jenfasizza li, fil-qasam tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, huwa neċessarju li tiġi kkunsidrata b'mod sħiħ l-ispeċifiċità tad-diskriminazzjoni minħabba diżabbiltà;*** |

Or. en

**Emenda 189**
**Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Jinsab imħasseb, f'kuntest fejn il-kriżi ekonomika u finanzjarja qiegħda twassal numru dejjem akbar ta' familji biex jgħixu fit-triq, dwar l-adozzjoni ta' miżuri ripressivi fir-rigward tal-persuni li m'għandhomx dar;*** |

Or. fr

**Emenda 190**
**Anna Záborská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Huwa allarmat mill-fatt li l-kunċett*** |

***ta' 'diskors ta' mibegħda' (inkluż f'relazzjoni mat-terminu 'omofobija'), għalkemm għadu ma ġiex definit fi ħdan l-acquis communautaire, huwa strumentalizzat biex jirrestrinġi l-manifestazzjoni leġittima tal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tar-reliġjon u l-libertà tal-kuxjenza li huma garantiti wkoll fi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;***

Or. en

**Emenda 191**
**Lorenzo Fontana**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Huwa allarmat mill-fatt li l-kunċett ta' 'diskors ta' mibegħda' (inkluż f'relazzjoni mat-terminu 'omofobija') qed jiġi invokat u strumentalizzat dejjem aktar minn xi gruppi ta' minoranza sabiex iqiegħdu restrizzjonijiet mhux aċċettabbli fuq manifestazzjonijiet leġittimi tal-libertà tal- espressjoni, il-libertà tar-reliġjon u l-libertà tal-kuxjenza;*** |

Or. en

**Emenda 192**
**Anna Záborská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16c. Ifakkar li d-dritt fundamentali għall-oġġezzjoni tal-kuxjenza huwa stabbilit fl-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 10(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u li l-prattika ta' oġġezzjoni tal-kuxjenza hija rregolata b'mod adegwat fl-Istati Membri tal-UE minn qafas legali u ta' politika komprensiv u ċar li jirregola l-prattika ta' oġġezzjoni tal-kuxjenza;*** |

Or. en

**Emenda 193**
**Mario Borghezio**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jenfasizza li s-sitwazzjoni ta' persuni mingħajr stat residenti b'mod permanenti fi Stati Membri għandha bżonn tiġi indirizzata ***u jitlob lill-Istati Membri kkonċernati jirratifikaw il-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti***; | 17. Jenfasizza li s-sitwazzjoni ta' persuni mingħajr stat residenti b'mod permanenti fi Stati Membri għandha bżonn tiġi indirizzata; |

Or. it

**Emenda 194**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jenfasizza li s-sitwazzjoni ta' persuni mingħajr stat residenti b'mod ***permanenti*** fi Stati Membri ***għandha bżonn*** tiġi indirizzata u jitlob lill-Istati Membri kkonċernati jirratifikaw il-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti; | 17. Jenfasizza li ***huwa indispensabbli li*** s-sitwazzjoni ta' persuni mingħajr stat residenti b'mod ***stabbli*** fi Stati Membri tiġi indirizzata u jitlob lill-Istati Membri kkonċernati jirratifikaw ***u japplikaw*** il-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti; ***Ifakkar li l-lakuni fil-qasam taċ-ċittadinanza fi Stat Membru*** |

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***m'għandhomx iċaħħdu lill-persuni li m'għandhomx Stat mid-drittijiet fundamentali tagħhom;*** |

Or. fr

**Emenda 195**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jenfasizza li s-sitwazzjoni ta' persuni mingħajr stat residenti b'mod permanenti fi Stati Membri għandha bżonn tiġi indirizzata u jitlob lill-Istati Membri kkonċernati jirratifikaw il-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti; | 17. Jenfasizza li s-sitwazzjoni ta' persuni mingħajr stat residenti b'mod permanenti fi Stati Membri għandha bżonn tiġi indirizzata u jitlob lill-Istati Membri kkonċernati jirratifikaw il-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti ***u jsibu soluzzjonijiet ġusti b'mod sistematiku, fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali***; ***jemmen li l-persuni mingħajr stat residenti b'mod permanenti fl-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet lokali;*** |

Or. en

**Emenda 196**
**Marco Scurria, Roberta Angelilli, Salvatore Iacolino**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17(a) (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17(a) Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali u tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' dawn in-nies kif stabbilit mill-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa;*** |

Or. it

**Emenda 197**
**Tatjana Ždanoka**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jenfasizza l-importanza tar-rispett għad-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw il-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji mingħajr aktar dewmien u, fejn rilevanti, jirtiraw ir-riservi u dikjarazzjonijiet restrittivi, kif ukoll jimplimentaw it-trattati in bona fede; ifakkar ukoll il-ħtieġa li jiġu implimentati l-prinċipji żviluppati fil-qafas tal-OSKE;*** |

Or. en

**Emenda 198**
**Mario Borghezio**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***18. Jissottolinja li, minħabba d-differenza fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE u proċeduri amministrattivi kumplessi, xi kategoriji ta' persuni jiltaqgħu ma' ostakli diskriminatorji fl-eżerċitament tad-dritt tagħhom ta' moviment u residenza ħielsa; Jitlob lill-Kummissjoni tressaq proċeduri ta' ksur kontra Stati Membri li jiksru Direttiva 2004/38/KE;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 199**
**Monika Flašíková Beňová, Renate Weber**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jistieden lill-Istati Membri biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni razzjali u etnika fl-impjieg, id-djar, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi;*** |

Or. en

**Emenda 200**
**Kinga Göncz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jistieden lill-Istati Membri biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni razzjali u etnika fl-impjieg, id-djar, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi;*** |

Or. en